# Il-Ħajja f'Għawdex

Nru. 834

Diċembru 2001



Il-Milied fin-Nadur

This book / booklet was donated to the Cathedral Library by ANTON FARRUGIA in October 2007.

GAD 13 2187

Code & Prog. No.

# Kotba oħra fis-sensiela
# "ORIZZONTI BIBLIĊI"
## maħruġa mil-
## LUMEN CHRISTI PUBLICATIONS




1. *"Mixja mas-Sena tal-Knisja"*
*minn Mons. Lawrenz Sciberras*
*(L-Ewwel Edizzjoni, 1996), pp. 290, Lm 3.00*

**Ġabra ta' 52 riflessjoni biblika, imqassma skond iż-żminijiet tas-Sena Liturġika tal-Knisja, b'tagħrif dettaljat dwar personaġġi, postijiet, festi u ċirkostanzi bibliċi, inkwadrati f'dawl spiritwali.**




2. *"Kristu - Ħajtu u Tagħlimu"*
*minn Dun Piet Sammut*
*(L-Ewwel Edizzjoni, 1997), pp. 350, Lm 3.50*

**Adattament fil-qosor tal-ktieb famuż "Life of Christ" ta' l-Isqof Amerikan, Fulton J. Sheen, bi 58 meditazzjoni, fuq bażi biblika u b'riflessjonijiet spiritwali, fuq il-misteri prinċipali tal-ħajja ta' Ġesù.**




3. *"Pawlu - Ragħaj għall-Komunitajiet ta' Żminijietna"*
*minn Kevin J. Hanlon, trad. Geoffrey G. Attard*
*(L-Ewwel Edizzjoni, 2001), pp. 96, Lm 2.00*

**Applikazzjoni ta' l-Ittri ta' San Pawl, imqassma f'14 il-tema, adattati għall-ħtiġijiet pastorali tal-lum. Ktieb utli ħafna fil-qasam ta' l-apostolat tal-lajċi.**




4. *"L-Aħħar Ġimgħa ta' Ġesù"*
*minn Mons. Lawrenz Sciberras*
*(It-Tielet Edizzjoni, 2001), pp. 172, Lm 3.00*

**Deskrizzjoni dettaljata, b'tagħrif bibliku uniku, dwar x'ġara sewwa minn Ħadd il-Palm sa Ħadd il-Għid, fl-ikbar ġimgħa fl-istorja ta' l-umanità. It-tielet edizzjoni tal-ktieb hija prova tal-popolarità li kiseb.**

LUMEN CHRISTI PUBLICATIONS

# IT-TAMA FIL-MESSIJA



Guido Schembri, ofm

# f'din il-ħarġa

Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
X'ġara dan l-aħħar • 6
Għawdex 300 sena ilu – Il-Broxka
għall-għoti tas-Sinjali miċ-Ċittadella • 9
Id-Dinja ta' Ċikku l-Għawdxi • 10
L-Intervista
- Il-Milied fil-MUSEUM tan-Nadur • 12
Milied 2001:
Id-Dawl jiddi fid-Dlam • 16
Il-Misteru tal-Milied • 18
Betlem qabel u wara
t-Twelid ta' Ġesu` • 20
Bookmark • 22
Mill-Knisja fid-Dinja • 23
Poeżija - Milied 2001 • 24
Karmni Grima • 25
Drawwiet Missirijietna –
Il-Biedja f'Għawdex (2) • 26
Wirt Gżiritna –
Il-Mużew tal-Istorja Naturali (3) • 30
Stress Skolastiku • 34
Għawdex Sportiv • 36
Kurżitajiet minn madwar id-dinja • 38
Werrej • 39

**IL-ĦAJJA f'Għawdex**

**Imwaqqfa Ġunju 1945**
**Ħarġa nru. 834**

**Maħruġa mid-Djoċesi ta' Għawdex**

***Amministrazzjoni*:**
**Lumen Christi Media Centre**
**Triq Fortunato Mizzi,**
**Victoria - Għawdex VCT 111**
**Tel. 560496/7 Fax. 561860**
***e-mail*: lumenchristi@vol.net.mt**
***homepage*:**
**www.gozodirect.com/lumenchristi**

**Abbonament: Lm3 Sostenitur: Lm 5**

**Issettjata:** ***Lumen Christi Media Centre***
**Stampata:** ***"Gozo Press" Għajnsielem, Għawdex***
*Din il-ħarġa ngħalqet għall-istampa fil-15 ta' Novembru 2001.*
*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*

**Ritratt tal-Qoxra:**
Il-Milied fil-MUSEUM tan-Nadur
*(ara l-intervista f'paġni 12-15)*

# EDITORJAL

# Milied 2001





Qed joqrob il-Milied. Festa kbira li torbot magħha ħafna ġranet ta' ċelebrazzjonijiet, *parties* u kull xorta ta' divertiment. Jiddispjaċina li għalkemm din il-festa tgħinna nifhmu kemm Alla jfittex jersaq lejna l-bnedmin, bosta huma dawk li jieħdu l-okkażjoni biex joħonqu l-vuċi t'Alla fix-xalar u konsum bla rażan.

Il-ġranet tal-Milied mingħajr il-preżenza ta' Ġesù Kristu jsiru karnival. Meta norganizzaw il-*parties* għat-tfal ma rridux inwarrbu x-xbieha ta' Ġesù. Taħt forma jew oħra, fil-post tal-laqgħa għandna nżommu figura, stampa jew xbieha tal-Bambin biex inħossu li Huwa jġibilna l-veru ferħ.

L-istess kull familja, jekk trid tiċċelebra Milied Nisrani għandna tara li ma jintilifx l-aspett storiku tal-ġrajja kbira li qed titfakkar, jiġifieri t-twelid ta' l-Iben t'Alla magħmul bniedem għalina, dak spiritwali tal-messaġġ ta' paċi bejn il-bnedmin ta' rieda tajba, u dak folkloristiku bil-preżenza tal-presepju, kartolini u rigali b'sinjal ta' awguri sbieħ. Bosta familji qed iżejnu djarhom b'siġra tal-Milied mimlija rigali, xi *Father Christmas* sabiħ u żigarelli kuluriti, waqt li ħallew barra l-presepju jew maxtura b'Ġesù Bambin, il-Madonna u San Ġużepp. Saru moderni f'dinja materjalista li twarrab dak kollu li hu spiritwali u reliġjuż.

L-iktar li jiddispjaċina għaż-żgħażagħ. F'dawn il-ġranet isoffulhom is-sold li jkunu qalgħu u jqabbduhom it-triq tax-xalar bla rażan. Uħud qed jistgħanew bis-sħiħ minn fuq daharhom. Tara żgħażagħ, ġuvintur u tfajliet, mitlufin fi dwal u daqq bla sens fi swali fejn it-tipjip u x-xorb jiddominaw flimkien ma' l-ekstasi jew drogi oħra. Dawk il-jiem ta' xalar jikxfu r-realtà kiebja tas-soċjetà żagħżugħa mitlufa f'dinja konsumistika li ma toffri ebda futur sabiħ.

Min ser jiddomina l-Milied li ġej: Il-Ħajja jew il-Mewt? il-Virtù jew il-Vizzju? Ġesù jew ix-Xalar?

***Nawguraw Milied Qaddis lill-qarrejja tagħna.***




Seminarista Geoffrey G. Attard

## Seminar tal-Kappillani

Bejn l-24 u l-25 ta' Settembru 2001, fil-Kunvent ta' Sant'Wistin, Victoria, ġie organizzat seminar tal-kappillani li jsir għalihom ta' kull sena. It-tema magħżula għal dan is-seminar kienet dik tal-lajċi.

Il-ġurnata kienet tibda bit-talba ta' nofs il-jum. Fl-ewwel ġurnata saret laqgħa li ssir ta' kull xahar għall-kulleġġ tal-kappillani li fiha ġew diskussi diversi problemi kurrenti. Nhar it-Tlieta, 25 ta' Settembru, is-seminar fetaħ bid-diskors mill-Kan. Dun Mikiel Galea S.Th.L., dwar *Il-Lajċi fil-Pjan Pastorali Kwinkwennali*. Dan id-diskors deher ukoll fl-Atti tal-Kurja Djoċesana ta' Għawdex, 226 Novembru 2001, 3-8. It-tieni diskors sar mill-Isqof Mons. Nikol Ġ. Cauchi, bis-suġġett *L-Apostolat tal-Lajċi u t-Tħejjija għalih*. Wara saret diskussjoni li kellha x'taqsam mas-suġġett trattat.

Bħala għeluq tas-seminar, fil-11.30 a.m. tmexxiet konċelebrazzjoni minn Mons. Isqof bis-sehem tal-kappillani.



## Festa ta' San Liborju fix-Xagħra

Dan l-aħħar fil-knisja tax-Xagħra, Mons. Fortunato Mizzi, Fundatur tal-MAS, mexxa ċelebrazzjoni fl-okkażjoni tal-festa ta' San Liborju. Fl-omelija, Mons. Mizzi tkellem dwar il-ħtieġa li nkunu promoturi tal-paċi bejn persuni ndividwali, familji u parroċċi.

## Saċerdoti jibdew ħidma pastorali barra minn xtutna

Is-sitt saċerdoti l-ġodda li ġew ordnati f'Ġunju ta' din is-sena 2001, bdew il-ħidma pastorali tagħhom f'parroċċi barra minn Malta. Fr. Joseph Cardona u Fr. Joseph Grech it-tnejn mill-Parroċċa tan-Nadur bdew il-ħidma tagħhom fil-parroċċa ta' *Saint Mary Parish*



*Church* fi Stirling fl-Iskozja u fil-parroċċa ta' Santa Maria del Buon Consiglio fuq il-Via Tuscolana f'Ruma rispettivament. Fr. Joseph Sultana u Fr. Jesmond Gauci mill-parroċċa tax-Xagħra bdew il-ħidma tagħhom fil-Parroċċa tan-Nativitā u fil-Parroċċa ta' *San Krisogono* f'Ruma rispettivament. Fr. Roberto Gauci jinsab fil-Parroċċa ta' *Santi Mario e Compagni Martiri* fuq il-*Via Ponte delle Settemiglia* f'Ruma u Fr. Anthony Mario Saliba beda l-ħidma pastorali tiegħu fil-Parroċċa ta' Santa Luċija f'Ruma.

## Għotja ta' LM500 lid-Dar Djoċesana tal-Kleru

Fl-4 ta' Novembru 2001 Mons. Isqof mexxa konċelebrazzjoni fil-Kappella tas-Seminarju Maġġuri lill-komunitā ta' l-Ingliżi f'pajjiżna. Matul din il-konċelebrazzjoni l-Kunsill tal-Komunitā ta' l-Ingliżi offewlu s-somma ta' Lm 500 għad-Dar tal-Kleru djoċesan fiċ-Ċentru Pastorali Ragħaj it-Tajjeb. Assistew lill-Isqof fil-Konċelebrazzjoni Dun Manwel Magro u Dun Anton Refalo, tnejn mill-assistenti responsabbli għall-komunitā Ingliża fil-gżira Għawdxija.

## Għeluq il-Viżta Pastorali

Nhar il-Ħamis 1 ta' Novembru 2001, Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi temm il-viżta pastorali tiegħu għad-djoċesi b'konċelebrazzjoni solenni fil-Knisja Katidrali li bdiet fis-6.00 p.m.

Fl-omelija tiegħu Mons. Isqof għamel riferenza għall-ħidma li twettqet fil-parroċċi tagħna permezz tal-viżta pastorali u semma wkoll xi punti prinċipali li ġew diskussi matul is-sinodu ta' l-isqfijiet f'Ruma. Għal din il-quddiesa kienu preżenti l-membri tal-kapitlu tal-katidral u għadd sabiħ ta' saċerdoti oħra.

## Mons. Isqof iżur lis-saċerdoti li jinsabu Ruma

Matul ix-xahar ta' Ottubru Mons. Isqof kien Ruma biex jieħu sehem fis-Sinodu ta' l-Isqfijiet. Huwa ħa l-okkażjoni biex jiltaqa' mas-saċerdoti li qegħdin jistudjaw u jaħdmu f'parroċċi ta' Ruma. Il-Ħadd 30 ta' Settembru Mons. Isqof kien mistieden flimkien mas-Segretarju tiegħu Dun Renato Borg biex jattendi għal-laqgħa li ssir mis-saċerdoti Għawdxin ta' kull xahar fil-Parroċċa ta' San Injazju t'Antijokja li għandha bħala kappillan tagħha lil Mons. Ġużeppi Attard. Għal din il-laqgħa attendew is-saċerdoti kollha.

Mons. Isqof ħa sehem ukoll f'konċelebrazzjoni mmexxija mill-Kardinal Ġermaniż Johannes Joachim Degenhardt tad-djoċesi ta' Paderborn, fil-Parroċċa ta' San Liborju li għandha bħala kappillan tagħha lil Dun Pawl Cardona. L-okkażjoni kienet il-pussess tal-kardinal tal-parroċċa ta' San Liborju. Mons. Isqof mexxa wkoll konċelebrazzjoni nhar l-Erbgħa 17 t'Ottubru fil-parroċċa ta' San Injazju t'Antijokja fis-6.00 p.m. fl-okkażjoni tal-festa ta' dan il-qaddis missier tal-knisja u l-ftuħ tas-sena kateketika fil-parroċċa. Fil-21 t'Ottubru fil-11.00 a.m. l-Isqof qaddes quddiesa fil-Parroċċa ta' Santa Luċija u ltaqa' mas-saċerdoti Għawdxin li jaħdmu f'din il-parroċċa. Mons. Isqof iltaqa' wkoll mal-Madre Generale tas-Sorijiet Franġiskani kif ukoll mas-sorijiet li qed jagħtu s-servizz tagħhom f'Ruma. Żar ukoll lis-Salesjani Fr. Fabio Attard S.D.B., D.D., professur tat-Teoloġija Morali fl-Universitā Pontifiċja Salesjana u l-istudent Jesmond Apap.



L-Eċċellenza Tiegħu

**Mons. Nikol Ġ. Cauchi**

*Isqof ta' Għawdex*

jawgura l-

*Milied it-Tajjeb*

*u*

*Sena Ġdida 2002*

mimlija bil-Barka t'Alla

lill-qarrejja kollha

ta' din ir-rivista

# X'ġara dan l-aħħar



Lelio Spiteri

## Jum it-Tifkira

Il-Ħadd 11 ta' Novembru filgħodu fi pjazza Indipendenza Victoria saret iċ-ċerimonja ta' dan il-jum. Gwardja ta' l-Unur mill-membri tal-Forzi Armati ta' Malta ħadet postha quddiem il-monument ta' Kristu Re. Charles Bezzina għamel il-messaġġ kommemorattiv. Sar qari ta' silta mill-Iskrittura Mqaddsa. Indaqq il-*last post*. Inżammu żewġ minuti silenzju. Indaqq ir-*Raveille* waqt li l-Ministru għal Għawdex, membri tal-Forzi Armati, il-Pulizija, *ex-servicemen*, sindki u oħrajn poġġew kuruni quddiem il-monument. Iċ-ċerimonja ntemmet bid-daqq ta' l-Innu Nazzjonali.

## Premijiet

Il-Kunsilli Lokali tan-Nadur, tal-Qala u ta' Kerċem ġew fl-ewwel post f'diversi kategoriji fil-kompetizzjoni nazzjonali Sebbaħ Pajjiżek organizzata mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali. Iż-żewġ kunsilli tal-Fontana u ta' Għajnsielem ġew fit-tieni post. Għotjiet ta' flus u ċertifikati ġew ippreżentati lis-Sindki rispettivi waqt ċerimonja li saret fi Ġnien is-Serenità f'Santa Luċija, Malta l-Ġimgħa 19 ta' Ottubru fil-ħdax ta' filgħodu.



## Wirja

Il-Ġimgħa 2 ta' Novembru, il-Ministru għal Għawdex inawgurat wirja bl-isem ta' *Movement and Colour Collection 2001* ta' l-artist Malti Joseph Carabott. Il-wirja li baqgħet miftuħa għall-pubbliku sa l-Erbgħa 14 ta' Novembru fis-sala tal-wirjiet fil-bini tal-Ministeru għal Għawdex kien fiha esebiti erbgħin biċċa pittura, fosthom xeni tar-Ramla l-Ħamra, il-Ġgantija, iċ-Ċittadella. Marsaxlokk, dgħajsa tal-latini, l-Imdina u l-bajja tad-Dwejra.



## Sala b'isem

Is-sala terapewtika fl-*Arka Respite Centre* f'Għajnsielem ġiet iddedikata lill-kumpanija *Gozo Channel Ltd.* u dan minħabba s-sapport kontinwu li tat il-kumpanija b'risq dan il-proġett. Il-Ġimgħa 26 ta' Ottubru l-bord tad-diretturi ltaqa' fis-sala fejn s-sur John Sullivan, *chairman* tal-bord kixef lapida kommemorattiva. Din imbagħad tbierket minn Dun Manwel Curmi direttur tal-Fondazzjoni Arka. F'kelmtejn, is-Sur Sullivan qal li l-kumpanija *Gozo Channel* dejjem pruvat tgħin mill-aħjar li setgħet lil min hu tassew fil-bżonn, inkluż lil dan il-post li qed jaqdi funzjoni tassew importanti.

## Kunċert



Il-Ġimgħa 26 ta' Ottubru, il-*Derbyshire City* u l-*County Youth Wind Band* taw kunċert fl-Oratorju Don Bosco ġewwa Victoria. Il-banda kienet taħt id-direzzjoni ta' Peter Lacey u David Curtiss filwaqt li Mro Joseph Grech kien is-surmast mistieden. Attendew għal dan il-kunċert fost l-oħrajn il-kummissarju għoli Ingliż Mr. Howard Pearce u s-Sindku tal-Belt Victoria, is-Sur Paul Cassar.



## Tifkira ta' l-Għarqa

Il-Ħadd 28 ta' Ottubru ġie mfakkar it-tletin anniversarju mill-għarqa li kienet seħħet fit-30 ta' Ottubru, 1948. Saret quddiesa mill-kappillan taż-Żurrieq Fr Carmelo Farrugia quddiem il-monument fiż-Żewwieqa u wara ntefgħu kuruni tal-fjuri fil-baħar minn fuq il-katamaran *Victoria Express* fil-post fejn kienet seħħet l-għarqa. Fost dawk preżenti kien hemm il-Ministru għal Għawdex, l-*Ispeaker* tal-kamra tar-Rappreżentanti, iċ-*chairman* tal-*Gozo Channel* u l-qraba tal-vittmi.

## Ftehim

Is-Sibt 13 ta' Ottubru, is-Sindku Noel Formosa, f'isem il-Kunsill Lokali San Lawrenz ġewwa St. James Cavalier, Valletta, iffirma kuntratt li permezz tiegħu tmintax-il tfajla minn dan ir-raħal ser jibbenifikaw minn fondi allokati mill-Unjoni Ewropea fil-programm Youth u ser jieħdu sehem fi skambju mal-lokalità ta' Colle Umberto, l-Italja bejn l-1 u t-8 ta' Diċembru, 2001, propju fil-lokal fejn il-Kunsill ta' San Lawrenz dalwaqt jiffirma ftehim ta' ġemelaġġ bejn iż-żewġ lokalitajiet. Dan l-iskambju mbagħad jiġi reċiprokat mill-grupp ta' Colle Umberto f'San Lawrenz bejn it-3 u l-10 ta' Frar, 2002.

## Suċċess



Carmel Saliba għadu kemm temm b'suċċess *Post Graduate Diploma* fil-*Gerontology and Geriatrics* fl-Università ta' Malta. Din id-diploma titratta studju fil-qasam ta' l-anzjani. Bħala parti mix-xogħol, Saliba preżenta teżi bl-isem *Physical dependency of the older adult in a local institution* li titratta d-dipendenza fiżika fis-sala ta' l-anzjani rġiel fl-isptar Ġenerali ta' Għawdex. Kopja ta' dan ix-xogħol ġiet ppreżentata lill-Ministru għal Għawdex.

## Imniedi kors

Fis-26 ta' Ottubru sar il-ftuħ tal-Fakultà ta' l-Edukazzjoni għal-*Learning Support Facilitators* fiċ-ċentru ta' l-Università f'Għawdex. Kemm il-Ministru għal Għawdex, il-Profs. Mark Borg id-dekan tal-Fakultà ta' l-Edukazzjoni u uffiċjali mid-diviżjoni ta' l-edukazzjoni u mill-Fakultà ta' l-Edukazzjoni ħadu sehem f'din iċ-ċerimonja. Din hija l-ewwel darba li kors ta' dan it-tip qed ikun organizzat Għawdex. Qed jieħdu sehem tlieta u tletin student.

## Wirja



Il-Ħamis 25 ta' Ottubru, il-Ministru għal Għawdex inawgurat wirja dwar il-ħajja u x-xogħolijiet ta' Ġorġ Pisani. Fil-wirja ġew esebiti bosta xogħolijiet tal-poeta, manuskritti, kotba, ritratti, gażżetti u perjodiċi. Waqt iċ-ċerimonja ta' l-inawgurazzjoni sar diskors mis-Sur Ġorġ Borg uffiċjal inkarigat mil-libreriji pubbliċi li ta ħarsa dwar ir-rapport tal-libreriji pubbliċi li ġie ppreżentat fit-tielet sena ta' ħidma tal-gvern. Sar diskors ukoll mill-poeta Charles Bezzina. Inqrat poeżija tal-poeta. Sar diskors ukoll minn idejn bin il-poeta Dr. Paul G. Pisani fejn ippreżenta wkoll ritratt u biblijografija ta' Pisani. Apparti li saru diversi preżentazzjonijiet, il-Ministru għal Għawdex qabel inawgurat il-wirja, tkellmet dwar is-servizz tajjeb li qed jiġi offrut fil-libreriji u dwar il-wirt kbir li ħalla Ġorġ Pisani f'kitbietu.

## Il-Kunsill Lokali tal-Qala mgħejjun

L-Unjoni Ewropea approvat u għaddiet is-somma ta' 68, 850 *euros* lil dan il-Kunsill Lokali sabiex iseħħ il-ftehim ta' ġemelaġġ li hemm bejn il-Qala u l-gżira ta' Salina. Bħala parti mill-ftehim milħuq bejn dawn iż-żewġ lokalitajiet ir-reġjun ta' Sqallija ser jgħin fir-restawr ta' graffiti li jinsabu mas-Santwarju Nazzjonali tal-Kunċizzjoni kif ukoll fir-restawr tal-fortizza ta' Sant'Anton, f'Ras il-Qala.

## Artist Għawdxi onorat



Mit-3 sad-9 ta' Novembru 2001, Godwin Cutajar mill-Fontana ħa sehem bi 3 kwadri astratti f'wirja kollettiva t'Arti Kontemporanja ġol-Gallerija ta' l-Arti Forum Interart ġo Ruma. Fil-ftuħ ta' din il-wirja Godwin ġie mogħti ġieħ internazzjonali "*il Gladiatore d'Oro*" mill-istess *Galleria* b'ħajr għall-ħidma pittorika tiegħu s'issa. Il-ħidma pittorika ta' Godwin ġo l-Italja dawn l-aħħar snin kienet qawwija, ħa sehem f'wirjiet kollettivi t'arti kontemporanja ġol-*Palazzo delle Esposizioni* u ġol-*Palazzo Barberini* ġo Ruma, u kellu ukoll wirja personali ta' pittura astratta "*Verso la luce*" ġol-*Galleria* ta' l-Arti *Giulio II* Ruma wkoll bejn April u Mejju 2000.




## CD tal-Milied mill- "Scuola Cantorum Jubilate"

L-i*Scuola Cantorum Jubilate*" li hija orkestrina ma' kor mwaqqfa minn Fr. Jesmond Gauci u Stefan Attard f'Awissu tas-sena 2000, dan l-aħħar ħarġet CD b'kant tal-Milied. Is-CD jismu "*In a Manger*" u fih insibu għanjiet tradizzjonali tal-Milied. Kopji ta' dan is-CD jinkisbu minn Radju Bambina, Pjazza il-Vitorja, Xagħra.




# IL-BROXKA GĦALL-GĦOTI TAS-SINJALI MIĊ-ĊITTADELLA

***Dan hu l-mitt dokument li qegħdin nippublikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex. Din il-paġna dehret għall-ewwel darba f'Jannar 1992.***

Dan il-mitt dokument hu dwar l-ispiża għall-akkwist tal-broxka biex ikunu jistgħu jingħataw sinjali bin-nar miċ-Ċittadella. Il-ħlas għall-akkwist tal-broxka jinsab reġistrat f'Diċembru 1701, fid-disa' volum ta' l-*Acta* ta' l-Universitas ta' Għawdex, l-enti amministrattiva tal-gżira fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530–1798), manetta (1701–1702), folju 20r (NAG, UG, *Acta*, 9/1701–1702, f. 20r).

Din hi transkrizzjoni tar-reġistrazzjoni:

**Michele Agius, Procuratore di questa Università del Gozzo pagarete a Mastro Giuseppe Dalli, Capomastro, scudi quattro di moneta; se gli devono per prezzo di tanta brusca che si consumò nelli fani fatti in questo Castello dal primo maggio sino a San Martino primo passato, di che tirando nostra cautela ponerete a nostri conti, lì dicembre 1701.**

Dan id-dokument hu dwar is-sinjali li kienu jingħataw bil-ħruq tan-nar minn fuq il-Kavalier ta' San Ġwann jew ta' San Martin miċ-Ċittadella ta' Għawdex.

Il-**broxka ta' Għawdex** (*Ononis natrix*, subspeċi *ramosissima*), bl-Ingliż *Bushy Restharrow*, hi arbuxell aromatiku bi friegħi u weraq folt li twarrad fir-Rebbiegħa. Il-weraq hu miksi b'pil li jwaħħal. Għandha fjuri sofor ġieli b'vini ħomor. Tikber fix-xagħri, speċjalment qrib il-baħar bħal fuq Ta' Ċenċ, id-Dabrani, il-Ħarrax, u l-Blat taż-Żlieq fl-inħawi tax-Xlendi. F'Għawdex hi iżjed frekwenti minn Malta. Kienet tinġabar ħafna għall-ħami, tant li l-Gran Mastru De Rohan kien ħareġ Bandu li jipprojbixxi l-ġbir tagħha qabel igħaddu ħmistax-il ġurnata minn wara l-festa ta' San Ġwann Battista. B'hekk kienet tilħaq ixxerred iż-żerriegħa. Illum hi skarsa ħafna.

Minħabba l-pil tagħha, il-pjanta hi mfittxija ħafna mill-għasafar biex ibejtu fiha. Għall-istess raġuni, in-nassaba jħobbu jaqtgħu minnha ħalli jpoġġuha fil-guvi fejn iżommu l-għasafar.

Il-broxka, skond dan id-dokument, kienet tintuża fil-*fani*, plural ta' *fanu*, kelma mill-Isqalli, li tfisser *fuoco che si accendeva per fare segnalazione*, jiġifieri il-ħruq tan-nar biex permess tiegħu jingħataw is-sinjali. Meta tingħata n-nar, din il-pjanta iddum ħafna taqbad u għalhekk kienet idejali għal dan l-iskop. Il-ħruq kien isir minn fuq il-Kavallier ta' San Ġwann jew il-Kavallier ta' San Martin, l-ogħla żewg postijiet taċ-Ċittadella.

L-ispiża ta' broxka għal sitt xhur — mill-ewwel ta' Mejju sa' l-ewwel ta' San Martin, ix-xahar ta' Novembru 1701 — telgħet għal erba' skuti.






## STOP PRESS!!

## Għal min għandu widnejn u għajnejn

Kull min sema' d-diskors ta' l-Isqof Cauchi fil-festa ta' Kristu Re induna kemm bħalissa huwa nkwetat l-Isqof tagħna u miegħu d-Djoċesi t'Għawdex. U għandhom għaliex. L-Isqof semma' tliet problemi kbar li d-Djoċesi qed tħabbat wiċċha magħhom fil-preżent. Għalkemm fid-diskors tiegħu ma kienx espliċitu, kulħadd induna li l-Isqof kien qed jalludi għal problema li qiegħed isib dwar il-finanzjament għall-iskola sekondarja tal-bniet fil-Konservatorju ta' Għawdex. Dan minkejja illi hemm ftehim bejn is-Santa Sede u l-Gvern biex jirregolaw dan il-kamp. Bir-raġun li ħafna nies jistaqsu: mela għalfejn il-Gvern ħa dak ir-raba' kollu tal-Knisja, jekk mhux biex jiffinanzja l-iskejjel tal-Knisja?

It-tieni problema tirrigwardja l-indħil żejjed li l-Isqof iħoss illi ser jibda jsir f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-opri sagri fil-knejjes tagħna. Dan wara abbozzi ta' liġijiet li qed jiġu diskussi fil-Parlament tagħna.

It-tielet problema tolqot lill-Fondazzjoni ARKA f'Għajnsielem, Għawdex. Minkejja li din l-organizazzjoni mmexxija b'ħeġġa kbira mid-Direttur tal-Caritas, Dun Manwel Curmi, ġiet imwegħda għajnuna fil-laqgħa tal-Kabinett li kienet saret f'Għawdex stess, s'issa kull ma tawha kienu ftit mijiet ta' liri. Dan meta organizazzjonijiet simili f'Malta, iżgħar ħafna fid-daqs u fis-servizzi li joffru, jingħataw eluf ta' liri mill-Ministeru tal-Politika Soċjali. Kull min għandu widnejn biex jisma' u għajnejn biex jara jaf li dan mhux sewwa. Nesiġu mill-Għawdxin kollha li qabel ma jkunu rappreżentanti ta' xi partit jew ta' xi organizazzjoni, jiftakru li għandhom jirrapreżentaw l-ewwel l-interessi ta' l-Għawdxin. Hekk għamel l-Isqof Cauchi nhar Kristu Re.

## Is-Servizz Postali

Hija xewqa tal-pubbliku li s-servizz tal-posta jkun kemm jista jkun effiċjenti. Fil-Parlament Malti qed titħejja liġi li temenda l-Att dwar l-Uffiċċju tal-Posta bil-għan li s-servizz postali jkun liberalizżat kompletament b'mod li jista' jagħti l-każ li jkun hemm aktar minn operatur wieħed f'dan il-qasam.

Irridu niftakru li bħalissa l-posta lokali qed tiffaċċja kompetizzjoni kbira mill-mezzi ġodda tal-komunikazzjoni: *fax machines* u *e-mails*. Għaldaqstant il-posta tradizzjonali trid jew taġġorna lilha nnifisha għar-realtà tal-lum jew tonqos u tnin bil-mod il-mod sa ma tmut. Biex il-posta tradizzjonali żżid l-effiċjenza tagħha, il-pubbliku irid jgħin ukoll speċjalment b'żewġ modi. Il-pubbliku hemm bżonn juża iktar il-kodiċi postali. Bħalissa anqas minn 50% jagħmel dan. Il-pubbliku irid igħin ukoll billi kull dar ikollha kaxxa ta' l-ittri ta' daqs suffiċjenti. Jekk irridu li s-servizz postali jkun aktar effiċjenti m'għandniex nippretendu li l-pustier jaħli iż-żmien wara l-bieb jistenna lil min jiftaħlu.

## Il-Miżbla tal-Qortin

Kull min għandu għal qalbu l-ambjent nadif fil-gżira t'Għawdex ħa pjaċir jinnota fir-rapport tal-Ministeru għal Għawdex li sa tmiem is-sena 2004 il-miżbla tal-Qortin fix-Xagħra se tkun ingħalqet. In-nies tax-Xagħra u anke ta' Marsalforn jinsabu mdejqin bid-dħahen u l-irwejjaħ li kontinwament, imma l-aktar meta jkun ċertu riħ, joħorġu minn din il-miżbla.

Fl-aħħar jiem ta' Settembru kif ukoll għal nofs ix-xahar ta' Ottubru li għadda, id-duħħan folt li ħareġ mill-miżbla kien xi ħaġa ta' l-għaġeb. In-nies tal-qrib kienu wisq preokkupati għal saħħithom. Korrispondent li kiteb fis-*Sunday Times* qal li d-duħħan kien tant qawwi li ma kienx jagħmel għajb għad-duħħan li ħareġ waqt il-ħruq tat-torrijiet ta' New York meta kkraxxjaw l-ajruplani ġo fihom.

*Where there is a will there is way*, igħidu l-Ingliżi. Ara l-problema tar-radam illegali fid-Dwejra donnha qed tiġi solvuta. S'issa diġa inġabru aktar minn 9000 metru kubu ta' materjal. U l-mira hi li fi ftit taż-żmien ieħor dan il-post tad-Dwejra ma jkunx

jingħaraf minn kif kien fl-istat oriġinali naturali tiegħu. Nisperaw u nittamaw li l-każ tal-miżbla tal-Qortin jkollha prijorità fl-istrateġija għall-immaniġġar ta' l-iskart solidu, u jsir sforz biex anke din il-miżbla tingħalaq qabel iż-żmien stipulat ta' tliet snin u nofs oħra.

## Ir-Rapport tal-Ministeru għal Għawdex

Ftit ġimgħat ilu l-Ministeru għal Għawdex ppreżenta r-rapport tat-tielet sena tal-ħidma tiegħu għal Għawdex f'din il-leġislatura.

L-ikbar suċċess tiegħu jidher li kien fl-ospiżju tan-nisa li l-ispazju tiegħu ġie imkabbar b'25%. Għal dan it-tkabbir fir-residenza ta' l-anzjani nisa ntefqu kwart ta' miljun lira. Numru ta' swali ta' l-isptar ġew mgħammra bl-apparat ta' l-arja kundizzjonata.

Edukazzjoni: Tista tgħid li f'kull skola sar xogħol ta' infrastruttura u modernizzar. Ġew inawgurati laboratorji ġodda, twaqqaf il-Kunsill ta' l-Edukazzjoni għal Għawdex, żdiedu s-servizzi fil-libreriji pubbliċi t'Għawdex, u fuq kollox, ħaġa li tista tgħid li hi rari għal Għawdex, din is-sena ntlaħaq il-*full complement* ta' l-għalliema fl-iskejjel kollha t'Għawdex.

Infrastruttura u Trasport: Ħareġ il-permess għax-xogħol tat-*Terminal* fl-Imġarr, se jasal it-tielet vapur ġdid tal-Gozo Channel, sar xogħol importanti fi Triq Fortunato Mizzi dwar l-għarar tal-ilma. Barra minn dan sar xogħol regolari ta' asfaltar ta' toroq u *patching* f'diversi toroq u arterji tal-gzira.

Kultura u Sports: Tqassmu Lm11,000 lill-għaqdiet filarmoniċi u teatri. Fil-Ġgantija ġie introdott servizz ta' gwida permezz ta' apparat elettroniku. Ġiet mogħtija għajnuna finanzjarja lill-Iskola Sport. Ingħataw Lm38,000 f'sussidji għall-akkomodazzjoni soċjali. Żdiedu s-servizzi fid-*day-centres*. Tqassmu Lm16,000 f'għotjiet lil għaqdiet non-governattivi ta' Għawdex. L-industriji f'Għawdex ingħataw għajnuna li b'kollox twassal is-somma ta' Lm77,000.

L-investiment totali f'Għawdex ammonta għal Lm1,214,000 - l-akbar investiment kapitali li qatt sar f'sena waħda f'Għawdex jekk m'inhix sejjer żball! Madankollu, żgur li baqa' ħafna x'jista' jsir speċjalment fit-tiswija tat-toroq.

## Nibżgħu għat-Turiżmu

Skond rapporti ppubblikati mill-Gvern, it-turiżmu f'Għawdex żdied kemm fin-numru tat-turisti li jżuruna bħala *day trippers*, kif ukoll fin-numru ta' *bookings* fil-lukandi, *farm houses* u appartamenti oħrajn. Fl-ewwel sitt xhur ta' din is-sena, mas-37,000 turist alloġġjaw fil-lukandi t'Għawdex. Dan ifisser madwar 14,000 persuna iżjed mqabbel ma' l-istess żmien fl-1998. Kif ġie li għidt minn dawn il-kolonni, t-turiżmu għal Għawdex hu l-papra li tbid bajd tad-deheb.

Imma t-turiżmu, għalkemm hu daqshekk importanti u jirrendi għalina l-Għawdxin, daqstant ieħor huwa fraġli. It-turist li jiġi Għawdex jikkummenta dwar l-istat tajjeb ta' indafa, iktar kwiet u ambjent aħjar meta mqabbel ma' Malta. Barra minn hekk jidher li l-gżira tagħna tħaddar ftit aktar ukoll.

Però hemm ukoll l-*imma*. Din ġejja mill-kritika li ssir minn xi turisti nfushom u li joħorġuha fil-beraħ fuq il-ġurnali. Kien hemm tgergir dwar prezzijiet esaġerati għal ċerti prodotti, qerq fl-awtentiċità tal-prodotti, per eżempju l-bizzilla t'Għawdex li m'hi xejn għajr imitazzjoni permezz tal-magni. Hemm imbagħad is-servizz kultant goff minn dawk li jaħdmu fit-trasport pubbliku u minn dawk li jaħdmu fl-industrija tas-servizzi. Kultant servizz mogħti bi tbissima u bl-edukazzjoni kollha jiswa daqs l-eluf ta' liri li nonfqu fir-reklamar għal gżiritna. Irridu inkunu kemm jista jkun professjonali fis-servizzi li noffru biex is-servizz lill-konsumatur, hu min hu, imma l-iktar jekk ikun barrani, ikun fl-ogħla grad.

BOGI AUTO LTD
■ Spare Parts
■ Batteries
■ Accessories
J.F. Kennedy Square, Victoria VCT 111, Gozo
Tel: 551 070 • Fax: 563 073

SWEET SENSATIONS
CONFECTIONERY
For Cakes, Gateau, Pastries & Confectionery
Jesmond & Maryanne Borg
55, St. Joseph Sqr., Qala, Gozo.
Tel: 565663
Home: 552277

L-INTERVISTA

# Il-Milied fil-MUSEUM tan-Nadur

DUN EDDIE ZAMMIT JINTERVISTA LIL ANTON MERCIECA, RESPONSABBLI MILL-MUSEUM TAS-SUBIEN FIN-NADUR, DWAR IL-FESTI TAL-MILIED ORGANIZZATI MILL-MUSEUM TAS-SUBIEN

***Anton, kif beda il-MUSEUM fin-Nadur?***

Fin-Nadur il-MUSEUM tas-subien twaqqaf ftit wara l-gwerra eżattament fis-sena 1947, bil-ħidma tas-Superjur Emanuel Bianco mill-Ħamrun Malta. Dan is-Superjur kienu bagħtuh jaħdem fl-Isptar t'Għawdex matul il-gwerra u kien strumentali biex jinfetħu l-oqsma tal-MUSEUM tas-Subien fir-Rabat, fix-Xewkija, fil-Qala u anke hawn fin-Nadur. Is-Superjur Bianco kien jitla kuljum in-Nadur bir-rota u jlaqqa' lil dawk it-tfal u żgħażagħ li aċċettaw l-istedina tiegħu. Bħala l-ewwel Superjur is-soċjetà għażlet lil wieħed żagħżugħ ta' 27 sena mill-Qala Salvu Buttiġieġ. Kien jiġi kuljum sajf u xitwa. L-ewwel post li kellna bħala Mużew kien fi Triq il-Mitħna, kien post misluf mill-parroċċa tan-Nadur. Wara dan morna f'xi żewġ postijiet oħra sakemm fl-aħħar ġejna f'dan il-qasam li għandna llum. L-art li fuqu nbena l-qasam tal-lum ġiet mgħoddija lilna mill-parroċċa bil-ħidma ta' l-Arċipriet Mikiel Portelli. L-art kienet tagħmel tagħmel parti mill-prebenda tiegħu. Dan il-qasam li għandna illum infetaħ nhar il-Ħadd 8 t'Awissu 1965 mis-Superjur Ġenerali Ewġenju Borg u tbierek mill-Arċipriet tan-Nadur, Mons. Mikiel Portelli.

***Meta bdiet issir il-purċissjoni bil-Bambin tal-Milied?***

Il-purċissjoni bil-Bambin fin-Nadur bdiet issir sa mill-bidu tat-twaqqif tal-qasam, mis-sena 1947. Il-purċissjoni bil-Bambin tal-Milied f'Malta kien bdieha Dun Ġorġ Preca fl-ewwel snin tat-twaqqif tas-Soċjetà tal-MUSEUM f'Malta. Kull fejn twaqqaf qasam tal-Mużew tas-Subien bdiet issir ukoll din il-purċissjoni. Dan seħħ ukoll fir-raħal tagħna. Għall-bidu din il-purċissjoni kienet issir fil-ġurnata tal-Milied ħalli jiġu jgħinuna ukoll membri oħrajn tal-MUSEUM Għawdxin li jagħmlu l-purċissjoni tagħhom lejliet il-Milied. Dan l-aħħar però sar xi tibdil u l-purċissjoni qegħdin nagħmluha lejliet il-Milied.





***Il-Milied għalikom jibda minn kmieni bit-tħejjija li jġib miegħu. X'tinvolvi din it-tħejjija?***
Aħna nibdew naħsbu għall-Milied mix-xahar ta' Settembru. Kif għidt int, il-Milied għalina nibdew inħossuh kmieni. Irridu naħsbu għal diversi affarijiet. Nibdew nagħmlu l-istatwi tal-ġibs u l-grotti għal jum il-premjazzjoni, u naħsbu għal *play* marbuta ma' dawn il-ġranet. Barra mit-tfal u s-soċji, jiġu ukoll jagħtuna xi daqqa t'id xi *old boys* li kienu jiffrekwentaw il-Mużew fis-snin l-imgħoddija. Napprezzaw ħafna l-għajnuna tagħhom fiż-żebgħa ta' l-istatwi kif ukoll fit-tiżjin tal-klassijiet u f'għajnuna oħra li joffru.

***Xi tħejjija spiritwali issir għal dawn il-festi fil-qasam?***
Bħala tħejjija spiritwali għall-festa tal-Milied norganizzaw Novena tal-Milied fil-Qasam. Kull ġurnata tan-Novena nippruvaw norganizzawha differenti. Per eżempju nagħmlu *videos*, *features*, lezzjonijiet, u ma jistax jonqos il-kant ta' l-għanjiet tal-Milied. Nippruvaw nieħdu ukoll xi inizjattivi konkreti ta' karità adattati għat-tfal. Dan l-aħħar ġbarna għall-Missjoni ta' wieħed li kien soċju magħna u llum huwa saċerdot missjunarju fil-Peru: Fr. Raymond Portelli. It-tfal jiġu mistiedna joffru xi ħaġa żgħira mill-*pocket money* tagħhom.

Aħna l-kbar imbagħad għandna programm apposta miktub minn Dun Ġorġ Preca. Għandna sett ta' lezzjonijiet li jġibu l-isem "l-Iskola ta' Betlem". Dawn il-lezzjonijiet jistednuna nimitaw il-virtujiet li nsibu fit-tarbija Gesù fosthom il-virtù ta' l-ubbidjenza, faqar, manswetudini u l-bqija.



***Il-qofol taċ-ċelebrazzjonijiet tal-Milied jibqgħu il-Purċissjoni tal-Milied u l-Programm fil-Knisja.***
Mis-sena elfejn qegħdin nagħmlu l-purċissjoni lejliet il-Milied u l-programm fil-Knisja fil-ġurnata tal-Milied. Il-purċissjoni norganizzawha bl-istatwa ta' Ġesù Bambin u f'dawn l-aħħar snin jieħdu sehem magħna diversi persunaġġi li jippersonifikaw persuni bibliċi marbuta ma' l-istorja tas-salvazzjoni. Dan kien jirrekjedi ħafna ħsieb fil-ħjata tal-kostumi u fl-organizazzjoni tal-*pageant* innifsu. Magħna fil-purċissjoni jieħdu sehem il-banda tal-raħal tagħna Mnarja kif ukoll il-Kor tat-tfal tal-MUSEUM *"Ilħna fiż-Żerniq"*. Il-purċissjoni tagħlaq bil-priedka tat-tifel.



***Dwar il-priedka tat-tifel. Din hi xi ħaġa tradizzjonali marbuta mal-MUSEUM. Għaliex jippriedka tifel?***
Dun Ġorġ ried li l-messaġġ ta' l-umiltà u s-sempliċità marbut mat-tarbija ta' Betlem jitwassal b'mod effikaċi minn tifel. Fl-oqsma kollha tagħna nippruvaw nagħżlu tifel ħalli jwassal dan il-messaġġ. Fil-qasam tagħna nippruvaw nagħżlu tifel kull sena u niktbu priedka għalih li mbagħad jipprova jitgħallimha bl-amment biex jippriedkaha quddiem kulħadd. Din xi ħaġa li kulħadd ikun jistenna b'ferħ kbir. Il-familja tat-tifel magħżul tħossha xxurtjata flimkien mat-tifel tal-priedka li wieħed minn uliedha ikun ser jagħmel il-priedka tal-Milied.

***F'hiex ikun jikkonsisti l-programm tal-Milied li tagħmlu fil-knisja?***
Dan il-programm tal-Milied jieħdu sehem ukoll fih it-tfal u s-soċji tal-qasam tal-MUSEUM tal-Bniet tal-parroċċa tagħna. F'dan il-programm dan l-aħħar qed intellgħu *musical*. L-aħħar żewġ musicals kienu "*Scrooge*" u "*O Lejl ta' Skiet*". Dawn jinvolvu ħafna preparamenti: kitba ta' l-*iscript*, provi tal-kant, kostumi, xeni, u affarijiet oħra li jmorru ma rappreżentazzjonjiet simili. Fil-programm ikun hemm ukoll *features* oħrajn bħal kant u qari tal-poeżiji li kollha kemm huma jippruvaw iwasslu l-messaġġ tal-Milied.



***L-aktar jum mistenni għat-tfal nimmaġina li jkun Jum il-Premjazzjoni u l-party.***
Jum il-Premjazzjoni ikun mistenni ħafna. Ir-rigali li nagħtu jikkonsistu fi statwi tal-ġibs maħduma minna stess kif ukoll grotti bil-pasturi tal-Milied. It-tfal u l-kbar japprezzawhom ħafna. Tant japprezzawhom li meta jikbru u jiffurmaw familja ikunu jridu














jieħdu dawn ir-rigali magħhom fil-dar l-ġdida tagħhom. Il-*party* li norganizzaw fil-qasam bil-għajnuna tal-*helpers* tagħna jgħin ħafna fit-tkabbir ta' l-ispirtu tal-ferħ u ta' l-għaqda fil-jiem tal-Milied.

***Insomma, f'kelma waħda, ikun hemm attività sħiħa għaddejja. Kif jgħixuhom dawn il-mumenti t-tfal li jiġu għad-duttrina.***

It-tfal li jiġu għad-duttrina jibqgħu għaddejjin bil-programm tagħhom. Dak kollu li nagħmlu nagħmluh biex nifmhu iżjed dak li ngħallmu dwaru: L-Iben t'Alla li sar bniedem u għadu jgħammar fostna. Il-Beatu Dun Ġorġ Preca kellu ħafna devozzjoni għal din il-verità kbira, u għalhekk ried li jiġu organizzati l-festi tal-Milied fl-oqsma tagħna. L-attivitajiet li jsiru fil-qasam tagħna bħal tiżjin tal-klassijiet jew tħejjijiet tal-kant jew oġġetti tal-premjazzjoni jsiru wara l-lezzjonijiet tad-duttrina jew wara l-laqgħat tagħna s-soċji. F'dawk iż-żminijiet ikun hawn atmosfera oħra fil-MUSEUM. Inħossu iżjed l-ispirtu ta' ferħ li jġibu magħhom, u tant insibuhom ta' għajnuna fil-ħidma tagħna.

***X'messaġġ tixtieq twassal lill-qarrejja tar-rivista tagħna?***

Ix-xewqa ta' Dun Ġorġ kienet li Ġesù ikun maħbub u magħruf. J'Alla li fl-organizazzjoni ta' dawn il-festi nagħrfu nispiritwalizzaw dan il-ferħ tal-Milied biex il-jiem tal-Milied ma jkunux biss għalina ikliet tajbin u tiżjin. Kollox għandu jwassalna għand it-tarbija ta' Betlem u nitgħallmu minnu il-paċi u s-sliem li jrid joffrilna. Ninqeda b'din l-okkażjoni biex nirringrazzja minn qalbi lill-benefatturi kollha tal-qasam tagħna, lill-ħbieb u lill-*old boys* għall-*musical* li f'dawn l-aħħar snin qegħdin intellgħu fil-programm tal-Knisja, għall-*items* l-oħra fl-istess programm, għall-*pageant* li qed joħroġ flimkien mal-purċissjoni tal-Bambin, għall-kant tal-*carols*, għat-tiżjin tal-klassijiet u fuq kollox għall-priedka tat-tifel.

***Nagħti lil kulħadd l-awguri ta' Milied hieni.***

**Riflessjonijiet miġbura minn A.Ċ.M.**

# MILIED 2001

# F'DINJA FI ID-DAWL

Fl-1833, iż-żagħżugħ John Henry Newman telaq minn Sqallija, u biex imur l-Ingilterra, qasam il-Baħar Mediterran fi triqtu għall-Marsilja. Iżda l-vapur iltaqa ma' ċpar sfiq. Ma setgħu jaraw xejn. Ċpar u dalma kullimkien. Il-vapur kellu bilfors jieqaf għall-ġimgħa sħiħa bejn Korsika u Sardinja fl-straits ta' Bonifacio. John Henry Newman ħassu waħdu, qalbu maqtugħa, moral baxx, mxabba u homesick. Fejn ser jagħti rasu? X'jaqbad jagħmel? Ħassu bla tama. Bla kuraġġ. Kien propju dakinhar, imdawwar minn dak iċ-ċpar u swied ta' dalma, li kiteb l-isbaħ poeżija tiegħu dwar Kristu, d-dawl tal-ħajja:






**Lead kindly light**

*- Mexxini dawl ħlejju*

**Amid circling gloom**

*- Fost din id-dalma ta' madwari*

**Lead thou me**

*- Mexxini int 'l quddiem*

**The night is dark**

*- Il-lejl hu mudlam*

**And I am far from home**

*- U jien ninsab 'l bogħod minn dari*

**Lead thou me on**

*- Mexxini int 'l quddiem*

**Keep thou my feet**

*- Mexxili l-passi ta' riġlejja*

**I do not ask to see the distant scene**

*- Ma nitolbokx li nara fil-bogħod*

**One step enough for me**

*- Biżżejjed li nara kemm nagħmel pass wieħed*
*(Iżda pass wara l-ieħor naslu)*

## Tagħlima għal żmienna

Fid-dalma u ċ-ċpar ta' madwaru, John Henry Newman ħass il-**ĦTIEĠA TAD-DAWL** u **TAT-TAMA**.

*Bħalu, l-bnedmin tal-lum, fiż-żerniq tal-Millennju l-Ġdid, jinħtieġ li nħarsu lejn id-**DAWL u t-TAMA li ĦERĠIN MILL-MAXTURA TA' BETLEHEM.***

# KRIŻI GLOBALI:
# JIDDI FID-DLAM

**Ġwanni, 1-5**

## DLAM...

***X'ifisser dan id-dlam li semma Ġwanni l-Evanġelista?***

***Ifisser***

- ***id-delitti li jbaxxu u jiddegradaw lill-umanità***
- ***il-vjolenza***
- ***is-serq***
- ***it-tradimenti***
- ***id-diżonestà***
- ***l-infedeltà***
- ***il-korruzzjoni***
- ***il-firdiet fis-soċjetà***
- ***il-konflitti***
- ***in-nuqqas ta' ftehim***
- ***il-gwerer***
- ***it-telfien tal-valuri għolja tal-ħajja***
- ***il-qtigħ ta' qalb***
- ***iċ-ċaħda ta' fidi fl-eternità...***

## BIŻA'...

***Il-bniedem modern sar dejjem beżgħan.***

***Biża'.....***

***Biża' mill-Aids;***
***Biża' mid-droga;***
***Biża' mir-radjuattività***
***Biża' mit-tniġġiż nukleari***
***Biża' min-nies***
***Biża' mill-ġirien***
***Biża' mill-barrani***
***Biża' mill-klandestini***
***Biża' mill-vjolenza***
***Biża' mis-serq***
***Biża' mit-terroriżmu***
***Biża' mill-gwerra bijokimika***
***Biża' minn xi diżastru nukleari***
***Biża' mill-qerda tad-dinja provokat minn armi nukleari jew batterjoloġiċi***

## ....U DAWL

*ID-DAWL JEGĦLEB ID-DLAM*
*Mnejn ser jiġini dan id-dawl?*
*KRISTU HUWA X-XEMX*
*TA' L-ISTORJA TA' L-UMANITA`*
*KRISTU HU X-XEMX LI*
*JFERREX ID-DAWL U JKEBBES*
*FINA S-SĦANA TA' L-IMĦABBA*

*Fil-lejl tal-Milied, Gesu Bambin jitwieled għalina*

- *biex jiċċara ħajjitna*
- *biex ikebbes l-imħabba mitfija*
- *biex inissel fina t-tama u l-kuraġġ*
- *biex jagħmilna bnedmin ġodda bil-grazzja ta' l-Ispirtu tiegħu.*

*LILL-BAMBIN TAL-PRESEPJU*
*AĦNA NIRRIKONOXXUH*

- *bħala d-dawl tad-dinja ta' żmienna, u*
- *bħala l-ħajja li jagħti Tama liċ-ċiviltà marida li tinsab fil-periklu.*

(Kard. C. Maria Martini, *Il Natale pur nella tristezza dei tempi*).



## ....U TAMA

*Iżda fl-Avvent*
*nisimgħu tliet*
*kelmiet kontra*
*l-biża'*

*Il-Mulej permezz*
*tal-Liturġija*
*igħidilna:*

*- LA TIBŻAX*
*- QUM*
*- U ERFA' RASEK*

***Kun konvint li m'intix waħdek, il-Mulej jiġi biex igħinek.***

(Don Tonino Bello, *Le mie notti insonne*).



# Il-Misteru tal-Milied

*minn Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi*

Kif jaf kulħadd il-Milied hija festa liturġika li fiha nfakkru t-twelid tal-Feddej tagħna Ġesù Kristu. Din il-ġrajja nsibuha rakkontata fit-tielet Vanġelu, ċioè dak ta' San Luqa, bi kliem sempliċi u li jifhmu kulħadd. Din il-ġrajja għażiża hija mfakkra mhux biss fil-liturġija tal-Knisja, iżda wkoll fid-drawwiet popolari, u b'ħafna opri ta' l-arti kemm fil-pittura kif ukoll mużika, hekk li nistgħu ngħidu li saret parti mill-kultura tan-nazzjonijiet insara. Saħansitra fid-djar u f'postijiet oħra fejn jiltaqgħu l-kattoliċi, il-ġrajja tal-Milied hija mfakkra permezz tal-presepju, li bih tingħata qima lil Kristu, taħt ix-xbiha ta' tarbija żgħira.

**X'tgħallem il-Knisja**

Din il-ġrajja tal-Milied għad li hija rappreżentata minn elementi sempliċi, iżda taħbi fiha misteru kbir, il-misteru ta' l-Emanueli: ta' Alla li sar ħuna, sar wieħed minna, "bħalna f'kollox minbarra d-dnub" *(Lhud 4,15)* biex ikun jista' joffri ruħu għall-ħelsien tagħna. Il-misteru tat-twelid ta' Kristu huwa l-misteru ta' l-Inkarnazzjoni. Il-Knisja ssejjaħ "Inkarnazzjoni" il-fatt jew għemil li bih l-Iben t'Alla ħa n-natura tagħna l-bnedmin biex biha jtemm is-salvazzjoni tagħna *(Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, 461)*.

Il-Knisja Kattolika tafferma li l-Iben Etern ta' Alla fil-milja taż-żmien ħa l-ġisem ta' bniedem mill-omm umana tiegħu Marija, u li għalhekk Kristu storiku huwa fl-istess ħin kollu kemm hu Alla u kollu hemm hu bniedem.

Il-Knisja tistqarr din il-verità sublimi fil-Kredu meta aħna ngħidu: "Niżel mis-smewwiet għalina l-bnedmin u għall-fidwa tagħna, u ħa l-ġisem bis-setgħa ta' l-Ispirtu s-Santu minn Marija Verġni u sar bniedem bħalna."

Huwa tagħlim tal-fidi mogħti f'diversi Konċilji Ekumeniċi kif ukoll mistqarr f'simboli tal-fidi li meta l-Verb ta' Alla sar bniedem fil-persuna tal-Verb li kienet minn dejjem, saret l-unjoni jew l-għaqda tan-natura divina man-natura umana. Din l-istess teżi tista' tiġi espressa taħt forma oħra inqas astratta u xjentifika iżda iktar konkreta u popolari kif ukoll iktar antika mill-oħra: "Ġesù Kristu huwa veru Alla u veru bniedem."

Din id-duttrina dwar l-Inkarnazzjoni ħadet is-sura klassika tagħha taħt l-influwenza tal-kontroversji Kristoloġiċi tar-4 u l-5 seklu, u ġiet definita b'mod formali fil-Konċilju ta' Kalċedonja (451). Dan il-Konċilju jgħallem li "Kristu għandu sustanza waħda mal-Missier bħala Alla, sustanza waħda magħna bħala bnedmin, f'kollox bħalna barra mid-dnub... Kristu wieħed u l-istess, Mulej u Iben Waħdieni, għandu żewġ naturi magħżulin minn xulxin iżda mhux mifrudin u ma jinbidlux, u li ż-żewġ naturi huma sħaħ iżda mhux żewġ persuni". It-tagħlim tal-Konċilju ta' Kalċedonja għall-inqas fl-elementi essenzjali tiegħu kien aċċettat mit-teoloġi nsara ta' l-iskejjel kollha matul is-sekli kollha saż-żminijiet moderni.

Il-Konċilju ta' Kostantinopli III (680) jafferma li "...l-istess Kristu Iben t'Alla waħdien għandu żewġ naturi li ma humiex diviżi, u fil-waqt li tibqa' sħiħa l-proprjetà ta' kull waħda min-naturi, jeżisti f'persuna waħda b'sussistenza waħda u mhux żewġ persuni."

Il-Papa Pawlu VI fil-*Kredu tal-Poplu tagħna* jagħtina iktar dawl dwar dan il-misteru fejn jgħidilna: "Indaqs, għalhekk mal-Missier skond id-divinità, inqas mill-Missier skond l-umanità, għal kollox wieħed mhux b'xi konfużjoni (li ma tistax issir) tas-sustanza, imma bl-unità tal-persuna". Kif fit-Trinità Mqaddsa hemm tliet Persuni: il-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu, imma natura waħda divina, għaliex ma humiex tliet allat iżda Alla wieħed, hekk ukoll, fil-misteru ta' l-Inkarnazzjoni mfakkar fil-festa tal-Milied, aħna nistqarru persuna waħda u żewġ naturi, għaliex Kristu, li kien sa minn dejjem persuna divina, mat-tnissil u t-twelid tiegħu, hu fl-istess ħin veru Alla u veru bniedem.

Dan it-tagħlim huwa għal kollox kuntrarju għal ċerti teoriji li ħarġu bihom xi eretiċi u li xi wħud minnhom jinstabu f'reliġjonijiet oħra, ta' teofoniji ċioè l-manifestazzjoni ta' Alla jew d-dehra ta' Alla għal ftit ħin f'għamla ta' bniedem.

**Opinjonijiet żbaljati**

Matul il-kors ta' l-istorja kienu ħafna l-eretiċi li minn aspett jew ieħor ċaħdu d-domma ta' l-Inkarnazzjoni.

Xi wħud ċaħdu l-umanità ta' Kristu bħalma huma d-**Doċeti** li kienu jaħsbu li Kristu ma kellux ġisem veru iżda biss apparenza ta' ġisem, u l-**Appollinaristi** li kienu jgħidu li fi Kristu kienet nieqsa r-rieda umana, u kien hemm biss rieda waħda , dik divina.

Żbaljaw rigward id-divinità ta' Kristu l-**Ebjoniti** li mingħalihom Kristu kien biss bniedem, li kellu għaqda ma' Alla; iċ-**Ċerintjari** li jemmnu li Kristu kien wieħed mill-*eoni*: skond Pawlu ta' Somasata, Kristu huwa l-ewwel fost l-ulied adottati ta' Alla, iżda mhux veru l-Iben ta' Alla; u fuq kollox l-**Arjani,** li waqt li ċaħdu d-divinità ta' Kristu, kienu jinsistu li Kristu huwa biss krejatura, għad li l-aqwa waħda fost il-krejaturi.

Kien hemm oħrajn li spjegaw b'mod żbaljat l-unjoni jew l-għaqda taż-żewġ naturi, divina u umana fil-persuna tal-Verb li kien minn dejjem. Hekk in-**Nestorjani** kienu

jaħsbu li fi Kristu hemm żewġ persuni, u l-għaqda bejn l-umanità u d-divinità ta' Kristu hija biss waħda morali bħal dik li jkun hemm bejn żewġ ħbieb. L-**Ewtikjani** waqgħu fl-iżball oppost, u jaħsbu li fi Kristu mhux biss il-persuna hija waħda iżda wkoll in-natura, hekk li n-natura umana ġiet assorbita totalment min-natura divina bħal qatra ilma mitfugħa fil-baħar.

Fiż-żminijiet iktar moderni nsibu lir-**Razzjonalisti** li jaċċettaw dak biss li tasal għalih ir-raġuni u mhux id-data tar-rivelazzjoni. Dawn jaħsbu li Kristu kien profeta bħall-oħrajn. Il-**Protestanti liberali** jammettu li Kristu huwa wisq aqwa mill-profeti l-oħra, iżda jġibu fix-xejn id-divinità tiegħu. Ċerti **Modernisti** jinsistu li meta Kristu qal li huwa l-Iben ta' Alla, qal dan biss f'sens messjaniku, cioè li huwa mibgħut minn Alla. Iżda l-kuxjenza ta' l-ewlenin insara għaddiet biex tara fi Kristu mhux biss bniedem li għandu missjoni minn Alla, iżda li għandu wkoll id-divinità jew natura ta' Alla.

**Xhieda tal-Vanġelu**

It-tagħlim tal-Knisja dwar il-misteru tal-Milied huwa mibni fuq ix-xhieda tal-Vanġelu. Hekk San Luqa li aktarx irċieva dan it-tagħrif mingħand il-Verġni Imbierka stess, isemmi kemm it-tħabbira kif ukoll din il-ġrajja li twettqet f'Betlem: "L-Anġlu li deher lil Marija qalilha: 'Tibżax Marija, għax inti sibt grazzja quddiem Alla. Ara, inti se tnissel fil-ġuf u jkollok iben u ssemmih Ġesù. Hu jkun kbir u jkun jissejjaħ Bin l-Għoli. Il-Mulej Alla jagħtih it-tron ta' David missieru u jsaltan għal dejjem fuq dar Ġakobb, u ma jkunx hemm tmiem għas-saltna tiegħu'. Iżda Marija qalet lill-Anġlu: 'Kif ikun dan, ladarba ma nagħrafx raġel?' Wieġeb l-anġlu u qalilha: 'L-Ispirtu s-Santu jiġi fuqek, u l-qawwa ta' l-Għoli tixħet id-dell tagħha fuqek. U għalhekk dak li jitwieled minnek ikun qaddis, u jissejjaħ Bin Alla'" *(Lq 1,30-35)*. San Luqa fir-rakkont tat-twelid ta' Ġesù Kristu jikteb li "Marija għalqilha ż-żmien biex teħles, u wildet l-ewwel iben tagħha, fisqietu u medditu f'maxtura, għax ma kienx hemm post għalihom fil-lukanda" *(Lq 2, 6-7)*.

San Ġwann l-Evanġelista, jiġbor fi ftit kliem il-verità tal-misteru tal-Milied "Il-Verb sar bniedem u għammar fostna" *(Gw.1,14)*.

Żgur li fost l-opri ta' l-għaġeb imwettqa mit-Trinità Mqaddsa, din hija l-opra l-kbira li turi l-qawwa t'Alla infinita u l-imħabba tiegħu lejn il-bnedmin. Il-Verb Etern, l-Iben ta' Alla li kien minn dejjem u f'kollox indaqs mal-Missier Etern u ma' l-Ispirtu s-Santu, fil-milja taż-żminijiet għaqqad flimkien in-natura divina man-natura umana fil-persuna unika tiegħu, u sar bniedem billi ħa l-ġisem, u ġisem imnissel bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu fil-ħdan safi tal-Verġni Imbierka u twieled għalina f'Betlem, f'lejl il-Milied.

**Persuna waħda u żewġ naturi**

Il-Knisja tgħallem li l-għaqda tad-divinità u ta' l-umanità fil-Persuna ta' Kristu, l-Verb Divin cioè l-hekk imsejjħa "unjoni ipostatika", hija għaqda li bdiet mat-tnissil ta' Kristu fi ħdan ommu Marija. Hija għaqda li tibqa' għal dejjem, għaqda li fiha d-divinità u l-umanità ta' Kristu ma jitħalltux flimkien imma jibqgħu distinti minn xulxin, u l-ebda waħda minnhom ma titlef xejn minn dak li għandu jkollha. Tibqa' sħiħa u bla mittiefsa d-divinità tat-Tieni Persuna, kif ukoll hija sħiħa u bla ebda nuqqas l-umanità ta' Kristu.

Biex jitfgħu dawl fuq il-misteru ta' l-Inkarnazzjoni, it-teoloġi nsara sa minn żmien il-kontroversji kristoloġiċi użaw ta' spiss it-termini filosofiċi ta' "persuna", "natura" u "għaqda jew unjoni ipostatika".

Hekk per eżempju S. Ġwann Damaxxenu (*De Fede Orthodoxa, III, 3-5)* jgħidilna li fi Kristu aħna nagħrfu żewġ naturi, imma ipostasi u persuna waħda, it-tieni Persuna Divina.

Il-persuna tindika s-suġġett jew l-individwu li jeżisti u twieġeb għal mistoqsija "Min hu?", u t-tweġiba hija isem personali: "Pietru", "Karmnu". In-natura, essenza jew sustanza, dejjem f'sens filosofiku hija dik li biha l-ħaġa hi dik li hi u mhux ħaġa oħra, u twieġeb għall-mistoqsija "X'inhu?", bit-tweġiba tkun "hu bniedem, cioè għandu ġisem u ruħ."

Il-kelma "persuna", li minnha ġejja wkoll il-kelma "personalità" għandha storja twila ħafna li nistgħu ngħidu li bdiet fl-ewwel stqarrijiet tal-Konċilji Ekumeniċi tal-Knisja u kompliet fit-tagħlim ta' l-Iskolastika u tat-teoloġija Nisranija. Kollha jinqdew b'din l-espressjoni biex tingħata spjegazzjoni. Tintuża wkoll il-kelma "persuna" fil-psikoloġija u fix-xjenzi l-oħra moderni iżda għandha hawnhekk tifsira għal kollox differenti minn dik tat-teoloġija.

Meta ngħidu natura ta' bniedem nifhmu mhux biss li Kristu kellu ġisem uman, iżda wkoll ruħ spiritwali bħal tagħna l-bnedmin, bil-fakultajiet li għandha r-ruħ tagħna, cioè l-intelliġenza, l-memorja u r-rieda. Fi Kristu ma kienx hemm personalità umana, għaliex Kristu, anke bin-natura umana tiegħu kien jeżisti u jgħix bis-saħħa tal-personalità divina li ħadet u għaqqdet magħha l-umanità divina tiegħu. Fi Kristu, mela hemm duwalità ta' naturi kif ukoll duwalità ta' volontà, ir-rieda divina u r-rieda umana. Għalhekk fil-ġnien taż-żebbuġ seta' jgħid "Issir minni r-rieda tiegħek mhux tiegħi."

X'kien l-iskop preċiż li għalih Alla sar bniedem? Fi kliem ieħor, it-teoloġi jistaqsu wkoll jekk l-Iben ta' Alla kienx jinkarna jew le kieku Adam ma waqgħax fid-dnub u l-bnedmin ma kellhomx bżonn il-fidwa. It-Tomisti jżommu li kieku ma kienx hemm il-waqgħa tad-dnub ta' l-ewwel ġenituri, l-Iben ta' Alla ma kienx isir bniedem. L-iskop tal-misteru tal-Inkarnazzjoni għalihom huwa biss is-salvazzjoni tal-bniedem mill-jasar tad-dnub. Iżda l-Iskotisti jaħsbu li l-Inkarnazzjoni xorta kienet isseħħ kieku Adam ma dinibx, għax il-motiv ta' l-Inkarnazzjoni, iktar milli biex jeqred id-dnub, kien dak li tingħata glorja lill-Alla u tintwera aħjar l-imħabba infinita tiegħu lejn l-umanità.

**Il-misteru tal-Milied u misteri oħra ta' Kristu**

Il-misteru tat-twelid ta' Kristu huwa l-bidu ta' sensiela ta' misteri li twettqu fil-ħajja tiegħu u li jaslu għall-qofol tagħhom fil-misteru ta' l-Għid u bit-trijonf ta' Kristu rxoxtat li jitla' fis-sema u jigglorifika n-natura tagħna l-bniedem. Fl-enċiklika *Evangelium Vitae* tal-25 ta' Marzu 1995 il-Papa Ġwanni Pawlu II fin-numru 102 jsemmi l-misteru tat-twelid ta' Kristu u jurina r-rabta li hemm bejnu u bejn il-misteru tal-mewt tiegħu u tal-Fidwa tagħna: "Fil-misteru ta' dan it-twelid - jikteb il-Papa – isseħħ il-laqgħa ta' Alla mal-bniedem u tibda l-mixja ta' l-Iben ta' Alla fl-art, mixja li tintemm bir-rigal tal-ħajja fuq is-salib bil-mewt tiegħu fejn huwa jirbaħ il-mewt u jsir għall-umanità kollha, prinċipju ta' ħajja ġdida."

# BETLEM



## QABEL U WARA T-TWELID TA' ĠESÙ

minn Mons Lawrenz Sciberras

Mhux sewwa, jew forsi wkoll ma jagħmilx sens titkellem fuq il-Milied, u tipprova tibni kull forma u daqs ta' xi grotta, mingħajr ma taħseb ftit ukoll dwar l-imkien fejn ġara dan kollu. Meta wieħed jipprova jsib tweġiba għaliex it-twelid seħħ f'dan il-post, tweġiba fuq pjan naturali ma jsibx; imma jekk iqalleb il-paġni tat-Testment il-Qadim, jara' xibka ta' tħejjijiet li bil-mod il-mod ippreparaw u wittew it-triq għat-twelid ta' l-Emanweli.

Missirijiet il-Knisja, u fosthom l-aktar San Ġirolmu kienu persważi mill-importanza ta' Betlem, fejn jidħol dan it-twelid divin. U kien għalhekk li dan il-qaddis għal sitta u tletin sena sħaħ għaddihom f'kontemplazzjoni ntensa jgħix preċiż ħdejn il-għar qaddis ta' Betlem. Dan il-biblista magħruf, fil-kitbiet tiegħu llum miġburin fil-Patroloġija Latina, jikteb dwar il-għar qaddis u t-twelid li ġara ġo fih. Miegħu kien hemm qaddisin oħra li tkellmu dwar il-għar ta' Betlem, fosthom Oriġene, Santu Wistin, San Ċirillu ta' Ġerusalemm, l-isqof San Makarju u l-istoriku San Ewsebju.

Grazzi għat tagħrif li wasslulna dawn in-nies għorrief u okulari li llum nafu bi preċiżjoni fejn twieled l-Emanweli. Mhux ta' min jinsa li l-għar ta' Betlem ukoll għadda minn żmien ikraħ u tassew mudlam. Dan għaliex mis-sena 135, fi żmien l-imperatur Ruman Adrijanu, sas-sena 325 meta indaħlet Sant'Elena flimkien ma binha Kostantinu, dan il-għar qaddis kien mirdum. Adrijanu biex mingħalih jeqred kull tifkira ta' l-għar qaddis ħawwel bosk sagru b'tempju lil Adonis. Tebgħa tassew kerha fl-istorja tal-Kristjaneżimu, u l-aktar meta dan kien għadu fil-bidu tiegħu.

**Il-mewt ta' Rakele**

Ir-raħal ta' Betlem huwa madwar għaxar kilometri biss bogħod mill-kapitali Ġerusalemm. Il-ktieb sagru il-Ġenesi, li jsemmi l-mewt ta' Rakele, bħala redazzjoni finali sar wara l-eżilju ta' Babel, jiġifieri wara s-sena 536. Però din it-tradizzjoni tal-mewt ta' Rakele omm Benjamin, tasal sa żminijiet aktar 'il bogħod, fi żmien il-Patrijarki, u dan ifisser is-sekli 17 - 16 qabel Kristu.

"Rakel kellha ħlas diffiċli. Issa ġara li waqt li kienet se tmut semmiet lit-tifel tagħha Benomi fil-waqt li missieru semmieh Benjamin. Rakel mietet u ġiet midfuna fit-triq ta' Efrata, jiġifieri BETLEM" (Ġen 35,16-19).

**Samwel u David**

Għalkemm armla, però kienet fuq tagħha u sabiħa. Tant li Rut iltaqgħet mal-bieżel Boaż fi żmien il-ħsad; dawn ħabbew lil xulxin. Iżżewġu u tweldilhom tifel li semmewh Obed. Dan Obed kellu lil Ġesse li kien missier is-sultan David, il-proġenitu ta' l-Emanweli (Rut 4, 11-12).

Fuq l-amar ta' Jaħwe, il-qassis u profeta Samwel telaq minn Rama u mar Betlem għand il-familja ta' Ġesse, sabiex jagħmel id-debħa tiegħu lill-Mulej u jidlek sultan ta' Izrael lil David (1 Sam 16,13). Issa billi David twieled Betlem, u din id-dilka tant importanti saret wkoll f'Betlem, għalhekk dan kien argument ieħor favur ir-rabta ta' Betlem ma' l-Emanweli. Dan li qed ngħid ikompli jiġi konfermat mill-profezija l-oħra ta' Natan. Dan il-profeta ħabbar lis-sultan il-ġdid ta' Izrael, li mill-familja tiegħu għad joħroġ dak li jmexxi l-poplu magħżul (2 Sam 7,4-16).

### Tliet neputijiet

Ġo Betlem ukoll twieldu t-tliet neputijiet tas-sultan David. Dawn kienu: il-qalbieni u ġeneral Ġoab, Abisaj, il-ħabib għażiż tal-qalb ta' David, u Asael, il-qalbieni li miet waqt il-gwerra.

Mingħajr l-iċken dubju, għalhekk, Betlem hija l-omm tal-qalbenin. Fiha twieldu David limimli qlubija u kuraġġ, bl-iżbandola tiegħu qatel lill-inċirkonċiż ġgant Gulija (1 Sam17,40-54), kif ukoll Elkana, li qatel lil Gad li hu wkoll kien ġgant ħu Golija.



### In-nebbieħ Mikea

It-test li min jaf kemm-il elf darba ġie kantat, studjat u mgħarbel mill-eseġeti, jitkellem b'mod l-aktar preċiż dwar ir-raħal ta' Betlem. Profezija li saret bejn is-snin 755 u 696 qabel Kristu: "Imma int, Betlem ta' Efrata, ċkejkna fost il-familji ta' Ġuda, minnek għad joħroġ dak li jkun prinċep f'Iżrael, hu għandu l-bidu tiegħu mill-qedem, sa minn dejjem ta' dejjem" (Mik 5,1). Din il-profezija xeħtet dawl qawwi tassew dwar fejn kellu jitwieled il-mexxej tagħhom. Issa il-perimetru qed dejjem ikompli jiċkien u jiffoka id-dawl tiegħu fuq belt żgħira, li forsi ftit kienet issemmiet matul il-mixja tas-snin.

Din il-profezija tkompli taqbel u tfisser il-profeziji l-oħra, fosthom din tax-Xebba Omm li saret minn Iżaija (7,14).

### It-twelid f'Betlem

Waslet il-milja taż-żmenijiet. Skond il-pjan t'Alla, il-poplu Lhudi suppost li kien imħejji biżżejjed biex jilqa' l-Messija. Xejn ma jiġri addoċċ fil-pjan t'Alla, tant li din id-darba, dejjem biex iseħħu l-profeziji, Alla nqeda b'Ċesari Awgustu. Kien ċar l-amar: kulħadd kellu jinkiteb "fil-belt tiegħu". Ġużeppi il-kap tal-familja ta' Nażaret, li kien ġej "mid-dar u l-familja ta' David", ma kien fadallu ebda għażla x'jagħmel ħlief li jitlaq lejn Betlem biex jinkiteb hu flimkien ma' martu Marija li kienet tqila

Il-profezija ta' Mikea kienu jafuha sew il-kittieba u l-fissiera ta' Kotba Mqaddsa. Tant hu veru dan li meta il-maġi wara li raw is-sinjal li jbassar it-twelid tal-Messija seħħ, huma marru jistaqsu għand Erodi. Dan is-sultan li kien Idumew, xejn ma kien midħla tal-profeziji, aħseb u ara kemm kien qed jistenna il-Messija. It-tweġiba dwar l-imkien tat-twelid ta' din it-tarbija Erodi ħadha mingħand il-qassisin il-kbar u l-kittieba tal-poplu (Mt 2,4). U dawn it-talin imħarrġin sewwa fil-profeziji wieġbuh xott xott: f'Betlehem tal-Lhudija. U sabiex jissiġillaw it-tweġiba tagħhom, il-qassisin il-kbar ikkwotawlu preċiż x'kien ħabbar il-profeta Mikea: li jfisser li seta' joqgħod ċert minn dan kollu.

Erodi, bniedem ħajjien, din ta' Betlem niżżilha s'isfel nett fil-fond ta' qalbu, u dritt lagħab il-karta tal-malizja qerrieda tiegħu. Hu bagħat lill-Maġi f'Betlem, imma kompla jgħidilhom: "Morru, staqsu sewwa għat-tifel, u meta ssibuh ejjew għiduli, ħalli jien ukoll nqimu" (Mt 2,8). Meta ra li l-Maġi daħku bih, Erodi bagħat joqtol f'Betlem u fl-inħawi kollha tagħha lit-tfal subien kollha ta' minn sentejn l-isfel". Imma dejjem f'Betlem.

### Il-ferħ ta' Betlehem

Wara r-rakkont krudil u mdemmi tal-qtil ta' l-innoċenti,ir-raħal ta' Betlem jispiċċa ħelu ħelu mix-xena ta' l-Iskrittura u jidħol b'saħħtu fl-istorja tad-dinja. Sewwa hawn li nagħmel riflessjoni. Fl-Evanġelju l-kittieba sagri jagħtuna bosta u bosta dettalji w ismijiet dwar fejn Ġesù wettaq il-missjoni qaddisa tiegħu. Nibdew mill-kapitali Ġerusalemm; hemm imbagħad il-Ġetsemani, Betanja, Betfaġe, Ġeriko, Emmaws, - dawn jiġu fil-parti t'isfel ta' l-Art Imqaddsa.

Prattikament Ġesù aktar għadda żmien fil-parti ta' fuq ta' l-Art Imqaddsa: Nażaret, Kana, Kafarnahum, il-Baħar tal-Galilija, il-muntanja Tabor, Ġerasa,ix-xmara Ġordan, u saħansitra wasal sa kważi sal-limiti, jiġifieri sa Ċesarija ta' Filippu. Kif imbagħad dan Ġesù li ġera daqstant, ma għamel qatt passiġġata qasira ta' tmien kilometri u mar sa fejn kien twieled: Betlem?

Mhux faċli li wieħed jagħti tweġiba għal dan. Imma naħseb li hija kwistjoni ta' paċi u ferħ. Kwistjoni tal-hena li tinbet ġo fik, hekk kif tibda riesaq lejn Betlem. L-Evanġelju jgħid li Ġesù bosta drabi kull fejn mar jgħallem dejjem sab oppożizzjoni ħarxa u qawwija kontra tiegħu. Il-Fariżej dejjem għassa fuqu biex jaqbduh mingħalihom f'xi ħaġa kontra il-liġi. L-Erodjani jonsbulu x-xibka biex jixluh. Is-Sadduċej jistaqsuh domandi tassew diffiċli; kull kif iwieġeb se jiżloq. Ghalhekk sabiex din it-tebgħa sewda marbuta ma' Betlem, ma tkunx hemm, isem Betlem tħalla barra u ma ssemma qatt iktar fil-ħajja ta' Ġesù. Biex ix-xena ta' Betlem ma tiġix imxellfa b'xi xena ta' ġlied u firda li setgħet ġrat kieku Ġesù mar Betlem fejn twieled.

Dan l-istess ferħ qaddis għandu jibqa' jinħass fina l-insara li minħabba dan it-twelid sirna ħolqien ġdid. Ġo l-għar qaddis ta' Betlem, is-sema u l-art tbewsu u ħaddnu fis-sliem lil xulxin. Dan l-istess sliem u hena għandu jkun ir-rigal veru tal-Milied.

BOOKMARK

**Schembri Guido, "It-Tama fil-Messija"**
*Lumen Christi Publications,* **Għawdex 2001, 48pp, Lm 1.**

**Xuereb Angelo, "Quddiem Ġesu` Tarbija"**
*Lumen Christi Publications,* **Għawdex 2001, 40pp, Lm 0.50ċ.**

## *ŻEWĠ KOTBA ĠODDA ADDATTATI GĦAL ŻMIEN L-AVVENT*




Mit-titli ta' dawn iż-żewġ publikazzjonijiet wieħed mill-ewwel josserva r-rabta li hemm bejniethom għax il-mibdi jasal għat-tmiem, dak li ġie imħabbar deher fostna. Fl-ewwel librett insibu tagħrif profetiku dwar il-Messija waqt li bl-għajnuna tat-tieni wieħed nistgħu nersqu lejh, lilu nfaħħru u nitolbu ta' kull darba li niċċelebraw it-twelid tiegħu fil-Milied.

Il-qofol tal-kontenut kollu jinġabar f'kelma waħda: għandna storja vera, twila, kollha mħabba, bi stennija mimlija paċenzja min-naħa t'Alla. Hija opra għall-qalb t'Alla, fl-għerf u s-setgħa kbira tiegħu ta' importanza kbira għas-salvazzjoni tal-bniedem.

Patri Guido Schembri qassam ix-xogħol tiegħu fi 8 kapitli fejn joffri riflessjonijiet dwar xi tħabbar sa mill-bidu tal-ħolqien, tagħrif dwar id-dixxendenza tal-Messija, l-Omm Verġni, dettalji oħra persunali, il-missjoni tal-qaddej sofferenti u rebbieħ. Dan kollu miġbur flimkien mhux biss isaħħah il-verità dwar il-miġja tal-Messija iżda jikkonferma l-validità tar-reliġjon li ġiet imwaqqfa.




L-awtur idaħħal it-test ta' kull profezija, u bl-għajnuna ta' pittura ta' persunaġġi u xeni oħra l-librett joffri dik l-atmosfera li niġu familjari magħha fil-liturġija ta' l-Avvent. Kif jasal dan iż-żmien mibni fuq it-tama, in-nisrani jfittex is-serħan tal-qalb f'elf ħaġa iżda l-iktar kemm il-darba jpoġġi ruħu quddiem Ġesù tarbija. Għajnuna f'waqtha għal dan tinsab fit-tieni librett miktub minn Anġelo Xuereb li jikkonsisti fi ħsieb, f'talba u fi proponiment spiritwali għal kull ġurnata tan-Novena tal-Milied flimkien ma' kurunella lil Ġesu' Bambin.

Biż-żewġ kotba f'idejhom, il-katekisti għandhom dik l-għajnuna biex lit-tfal u lill-istudenti jwasslulhom messaġġ kristjan li jixraq lil festa nisranija li kulma jmur qed dejjem titbiegħed mill-veru sens tagħha. L-istess jista' jingħad għal kull ambjent ieħor fi ħdan il-parroċċi tagħna, fil-familji, waqt laqgħat liturġiċi fil-knejjes u kull fejn tinħass il-ħtieġa li noffru spirtu nistrani veru lill-Iben t'Alla li twieled għalina. Il-Milied jiġi u jmur, imma ikun dejjem skond kif nagħmluh aħna.

***Mons. Salv Grima***

John Portelli Ent. Ltd.
IATA
ACCREDITED AGENT
The Agent for all your Travel Needs!!
7, INDEPENDENCE SQUARE, VICTORIA VCT 103, GOZO.
TEL: 56 12 12 - 56 12 13 FAX: 56 01 33
108, ST. JOHN STREET, VALLETTA VLT 10, MALTA.
TEL: 23 57 72 - 24 70 16 FAX: 24 75 36




## "Turris Eburnea"

Lil Ġwanni Pawlu II itteħdulu miljuni ta' ritratti tul it-23 sena ta' pontifikat, iżda qatt imdawwar minn mudelli tal-moda. Dan kien jgħodd sal-31 ta' Ottubru li għadda, dak in-nhar filgħodu, meta ltaqa' ma nisa żgħażagħ, mudelli ta' l-assoċjazzjoni "*Turris Eburnea*", li topera fid-dinja tad-divertiment mingħajr ma twarrab il-valuri nsara.

Il-grupp oriġina f'Turin l-Italja u hu ispirat mill-Madonna taħt it-titlu "Torri ta' l-Avorju". Il-membri jagħtu xhieda fil-*fashion parades* u fl-attivitajiet artistiċi. Fi tmiem l-udjenza ġenerali tal-31 t'Ottubru, il-Papa awgura lin-nisa għall-ħidma apostolika sinifikattiva mwettqa mill-assoċjazzjoni tagħhom favur il-formazzjoni taż-żgħażagħ. Tul il-*fashion shows*, dawn il-mudelli jippruvaw iwasslu l-idea li s-sbuħija esterna tal-mara hi rifless tad-dinjità nterna tagħha. "*Li tkun modern, li tkun chic, ma jmurx kontra t-tfittxija tagħha biex nikbru nternament*", qalet Elena, tfajla ta' 17 il-sena.

## Teologa Musulmana

Shahrzad Houshmand Zadeh, teologa musulmana qalet li llum "*l-ispirtu t'Assisi*" hu meħtieġ aktar minn qatt qabel, għax qed ngħixu f'mument speċjali ta' l-istorja. "*Wara l-laqgħa msejħa mill-Papa f'Assisi rajna li l-laqgħat interreliġjużi għal għarfien reċiproku, saru aktar intensi*" qalet lir-Radju Vatikan. L-era ġdida ta' kuntatti hi magħrufa bħala l-"*Ispirtu t'Assisi*". Dan hu neċessarju b'mod speċjali wara l-attakki tal-11 ta' Settembru fuq l-Istati Uniti, qalet Zadeh.

## Is-Suwiċidju assistit

L-*Osservatore Romano* innota li s-Senaturi Belġjani, b'vot ta' 44-33, approvaw proposta ta' liġi li tagħmel legali għat-tobba li jammistraw dożi mediċinali fatali lill-pazjenti tagħhom. Il-ġurnal tal-Vatikan osserva li jekk il-kamra l-oħra tal-parlament tapprova l-proposta ta' liġi, "*il-Belġju, il-pajjiż fejn ir-Re Baudouin ipprefera jissospendi s-sovranità tiegħu milli japprova l-abort, se jsir it-tieni stat Ewropew li jitlob mit-tobba mhux li jfejqu iżda li joqtlu*".

## Dalwaqt iktar Musulmani minn Kattoliċi

Fil-Gran Brittanja, il-Musulmani, li jqimu regolarment fil-moskej dalwaqt ikunu aktar mill-Kattoliċi li jmorru l-quddiesa tal-Ħadd. *Christian Research*, l-organizazzjoni li tiġbor l-istatistiċi reliġjużi sabet li l-għadd ta' Musulmani prattikanti qed jikber ħafna. Fl-1995 kien hemm madwar 620 elf fil-Gran Brittanja, u skond analisi li saret hu stmat li fl-2005 se jkunu 750000. Jekk dawn ix-xejriet t'issa jkomplu, madwar is-sena 2013, se jkun hemm aktar Musulmani attivi minn Kattoliċi prattikanti, skond Dr. Peter Brierley, id-direttur esekuttiv tal-*Christian Research*. F'dik id-data hu bassar li se jkun hemm madwar 800 elf Musulman prattikant, ċioè daqs it-total ta' Anglikani fil-pajjiż li jmorru l-knisja nhar ta' Ħadd.

## Juan Diego jista' jiġi kkanonizzat is-sena d-dieħla

Skond sorsi mhux uffiċċjali kwotati minn "*El Noticiero*" ta' Televisa, il-Papa se jipproklama lil Juan Diego, l-Indjan xhud tad-dehra tal-Madonna ta' Guadalupe f'Diċembru 1531, bħala qaddis fis-sena 2002. F'intervista, il-Kardinal Norberto Rivera Carrera, primat tal-Messiku, qal li l-proċess miexi tajjeb ħafna, iżda ma tax dati speċifiċi għall-kanonizazzjoni.

---

**FUQ L-INTERNET**

**RADJU R.T.K. - 103 / 97.8 FM Stereo** — **http://www.rtk.org.mt**

**IL-ĦAJJA F'GĦAWDEX** — **http://www.gozodirect.com/lumenchristi**

Letteratura Għawdxija



# Il-ferħ tal-Milied

Poeżija tal-Kav. Joe M. Attard

*Għal darb'oħra qiegħed nikteb*
*dawn il-versi għall-Milied;*
*Tempus fuggit! Iż-żmien jaħrab*
*U dil-festa wara l-bieb!*

*Din il-ġrajja mistennija*
*għax magħha ġġib ferħ kbir*
*illi jimla 'l-qub hienja*
*sew ta' l-għani, sew tal-fqir.*

*Sa minn kmieni l-familja*
*tibda tħejji għal din il-festa,*
*ta' qudiem tiġi n-Novena-*
*f'nofs id-dar il-grotta lesta!*

*Għaliex ħbieb niftħu għajnejna;*
*m'hemmx Milied mingħajr Bambin*
*u jekk spazju nsibu għalkollox*
*lilu l-ewwel nagħtu l-ħin*

*Għaddew tgerbu żewġ millenji*
*mit-twelid ta' Ġesu' f'Betlem,*
*iżda d-dinja, ma' Diċembru*
*sa minn kmieni lilu ssellem.*

*Għaliex tifhem li dil-ġrajja*
*ma kenitx waħda komuni;*
*quddiem dit-tarbija fqajra*
*rejjiet mielu, sinjuruni.*

*U inxteħtu għarkubtejhom*
*jaduraw u jagħtu qima;*
*deheb inċens, mirra offrewlha*
*bħala radd ta' ħajr u stima*



*Jekk tassew tridu l-ferħ tħossu*
*li jġib miegħu l-Milied*
*ibdew ixbhu 'l dawk ir-ragħajja*
*illi dlonk telqu l-merħliet.*

*U ġrew lejn il-għar ta' Betlem*
*biex jifirħu bit-tarbija*
*illi mliet lil qalbhom twajba*
*b'hena, ferħ u armonija.*

*Bħal dal-ferħ, ħbieb nixteqilkom*
*f'dawn il-jiem sbieħ tal-Milied-*
*Jalla qalbkom tkun mimlija*
*Sliem u Paċi tas-smewwiet.*

Karmni Grima - 3

# Dehriet u Viżjonijiet fil-ħajja ta' Karmni Grima

jikteb Angelo Xuereb


Dun Anton Vella, Direttur Spiritwali ta' Karmni Grima

Lill-umli, Alla jżejjinhom b'bosta ħwejjeġ. Fil-ħajja ta' Karmni Grima nsibu li hija kellha bosta dehriet oħra tal-Madonna u ta' Kristu. Barra minn dawn id-dehriet ta' Ġesù u ta' Marija, Karmni Grima ġieli rat ukoll xi qaddisin bħalma huma Santa Tereża tal-Bambin Ġesù, San Vinċenz, San Ġwann Evanġelista u San Nikola minn Tolentino.

L-ewwel mistoqsija li tiġina meta naqraw dawn ir-rakkonti hija: ma setgħetx kienet suġġetta għal xi alluċinazzjoni? Infatti l-alluċinazzjoni, skond il-mediċina, hija meta wieħed ikun fi stat mentali anormali u jara xi ħaġa. Mistoqsija oħra hija: ma setgħux kienu għemil ix-xitan biex jirredikola l-ħwejjeġ t'Alla? Infatti t-teoloġija spiritwali tgħidilna li x-xitan għandu l-qawwa li jagħti lill-erwieħ dehriet ta' Kristu u tal-Madonna sabiex iwaqqa' l-veri dehriet għar-redikolu u għaċ-ċajt.

Iżda Karmni Grima kienet tgħid kollox lid-direttur spiritwali tagħha, Dun Anton Vella mir-Rabat t'Għawdex. Hija kellha fiduċja kbira fih. Infatti darba fid-29 ta' Lulju 1917, Karmni qaltlu dawn il-kelmiet "*Wara Alla inti biss dak li nafda fih u inti hekk sa mill-jum ta' l-Ewwel Quddiesa tiegħek*".

Dun Anton Vella ta' direttur spiritwali għaqli li kien, ried jivverifika jekk dawn id-dehriet kienux ġejjin minn Alla jew le. Għalhekk kiteb lil Dun Dolindo Ruotolo u talbu l-parir tiegħu. Dan il-qassis kien magħruf għall-qdusija u għall-istudju. Huwa wieġbu li skond l-opinjoni tiegħu dawn il-viżjonijiet kienu awtentiċi jiġifieri ġejjin minn Alla. Fil-15 ta' Ġunju 1914 Dun Anton għarraf lil Karmni Grima, u din ħadet gost ħafna filwaqt li neħħiet id-dubji kollha li seta' kellha. Dun Anton għarrafha li Alla jagħti dawn il-grazzji lil min irid mingħajr ebda mertu tagħha. Din il-grazzja tista' tingħata wkoll lil ruħ midinba. Għalhekk huwa taha l-parir biex tibqa umli.

Fil-minuti tas-27 ta' Settembru 1914, Dun Anton ikkonkluda "*F'kelma waħda, il-viżjonijiet huma daqshekk ċari u fi stat tant normali ta' Karmela, li hija mpossibbli l-alluċinazzjoni għaliex hija tinnota l-iċken differenza u kull ġest anke l-iċken wieħed.*" Dun Karm Cachia miż-Żebbuġ Għawdex kien ukoll ta' l-istess fehma.

Hekk dawn il-ġrajjiet fil-ħajja ta' Karmni Grima juruna kemm hija mportanti d-direzzjoni spiritwali li tgħinna nikxfu l-inganni, u sabiex nimxu fit-triq li jridna Alla.

IL FORNO DA MONTANARO
25, Marina Street, Marsalforn
- Tel. 2156 5140
Italian & Maltese Cuisine
*Live Brasilian Guitar Music*
*(almost every night)*

MARIO
DISPENSING OPTICIANS
57, MAIN GATE STREET, VICTORIA, GOZO.
Prop.: Mario P. Grech F.A.D.O. (Lond.).
*Appointments for*
*EYE TESTING / EXAMINATION*
*by the Latest Computer Technology*
*and Eye Specialists*
Telephone: 55 65 28 / 56 33 31



© Anton F. Attard

# IL-BIEDJA F'GĦAWDEX

*(It-Tieni Parti )*

**Kenn mill-Irjieħ**

Ħafna raba' li jkun fil-għoli, inkella fil-miftuħ, ikun meħtieġ li jitkennen mill-irjieħ. Ir-riħ qawwi, l-aktar fix-xitwa meta tagħmel kesħa kbira, mhux biss inixxef ix-xitel, imma wkoll jaħraq l-uċuh. L-aktar riħ li jagħmel ħsara huwa r-riħ ***majjistral***. Dan jonfoħ minn bejn ir-riħ ***tramuntana*** u r-riħ ***punent***. Minħabba f'dan ir-riħ, ħafna siġar tal-ħarrub jidhru mżersqa lejn il-majjistral, li jaħarqilhom il-quċċata. Riħ majjistral kiesaħ fix-xitwa jaħraq l-aktar il-ful u l-patata.

Fis-sajf ukoll jagħmel riħ sħun li jaħraq l-uċuh. Dan hu l-***eħtrieq*** li jonfoħ l-aktar mix-xlokk u mil-lvant. L-eħtrieq jew ***riħ il-ħamsin*** jonfoħ minn fuq id-deżert u minħabba fih ix-xemx tinħass taħraq iżjed. Minħabba f'hekk, il-frott, l-aktar it-tadam, il-bettieħ u d-dulliegħ, jinħaraq bix-xemx. Iżda l-eħtrieq ma jagħmilx ħsara daqs il-majjistral fix-xitwa.

Għalhekk, il-bidwi jara li ħafna għelieqi jagħtu uċuh aħjar jekk ikunu mkenna mir-riħ majjistral. L-egħlieqi jistgħu jitkennu jew bil-***ħitan tas-sejjieħ***, jew ***bil-qanniċ*** imsejjaħ ukoll ***ħajt tal-qasab*** imwaħħal sewwa u marbut biex ma jinqalibx bir-riħ, inkella bil-***weraq ta' d'Indja***, jew ***pal tal-bajtar***. Għalhekk f'Għawdex naraw mhux biss għelieqi mdawwrin bil-weraq ta' d'Indja, imma wkoll ***ċanet***. ***Ċanta*** tkun parti minn għalqa mdawwra bil-weraq ta' d'Indja jew b'ħajt baxx.

**L-Ilma għat-Tisqija**

L-uċuh biex jikbru jeħtieġu l-ilma. Fil-każ tar-***raba' bagħli*** l-ilma jiġi mix-xita li ssaqqi l-***miżergħa*** u l-***wiċċ*** li mbagħad jikber waħdu. Imma fil-każ ta' ċerti uċuh, biex jaqbdu, ftit ilma għal waqt iż-***żriegħ*** jew it-***taħwil*** ikun tabilħaqq bżonnjuż. Insemmu l-qoton, il-bħajra u t-tadam bħala eżempji ta' wċuh li jkunu jridu ftit ilma fil-bidu biex inibbtu ż-żerriegħa jew iqabbdu x-xitla f'raba li fil-wiċċ ikun niexef qoxqox.

Fil-każ tar-***raba saqwi*** l-ilma jiġi mill-għajn ta' taħt l-art jew minn maħżna kbira ta' ilma.

Fir-raba l-ilma jista' jinħażen fil-***bir*** jew ***ċisterna***, li aktarx ikollu għamla ta' qanpiena, fil-***latimija***, li tkun barriera żgħira msaqqfa, ***ġibjun*** ta' taħt l-art li tkun barriera akbar imsaqqfa u f'xi ***ġiebja*** 'l fuq minn wiċċ l-art. F'xi bjar antiki kienu jitħaffru ***għerien*** ħalli l-bir jesa' aktar. Bjar ħdejn xulxin jistgħu jitniffdu ma' xulxin billi titħaffer ***mina*** fil-blat. Mina tkun bħal kuritur jew passaġġ maqtugħ fil-blat.

Il-bir li ma jkunx fih ilma ġieri jimtela mill-ilma tax-xita. L-ilma tax-xita jinġabar għal ġol-bir b'żewġ modi. Jew billi ssir ***sieqja*** nkella ***swieqi*** f'wiċċ il-għalqa fejn ikun qiegħed għal ġo ***qana*** jew speċi ta' ħofra ħdejn il-bir fejn l-ilma jissaffa mill-ħamrija qabel ma jaqbeż għal ġol-bir.

Inkella l-ilma tax-xita jiġi għal ġol-bir permezz ta' ***kanali*** mħaffra jew mibnija taħt l-art. L-ilma jinġabar fil-kanal permezz ta' xi sieqja jew swieqi f'wiċċ ir-raba, inkella mit-triq. Meta l-ilma jinġabar mit-triq, il-bdiewa ġieli jagħmlu xi ***maksar*** bi xkora jew bi ftit ħamrija u xi ġebel biex l-ilma ma jibqax għaddej, imma jinkiser jew jiġi devjat għal ġol-kanal. Dari, il-kanal tal-bir ġie li kien ikun jinfed mal-***gandott*** li kien ikun hemm fil-ġenb tat-triq, ħaġa li llum qegħdin narawha dejjem tonqos.

Issa l-ilma jġorr ħafna ***ħamla*** miegħu, jiġifieri ħamrija, naqal, ġebel, ramel u mbarazz ieħor. Biex dan ma jibqax nieżel fil-bir jew ġibjun, xi kanali kien ikollhom il-***milqa'*** jew ***milqa' t-trab***. Il-milqa' jkun ħofra ma' ġenb il-bir biex l-ilma qabel ma jidħol fil-bir jissaffa. Għall-bidwi jkun eħfef li jħammel il-milqa' milli jħammel il-bir.

Dari l-bidwi kien itella' l-ilma mill-bir jew ***bil-barmil***, ***bil-qolla*** inkella ***bil-qannata*** meta jkollu ftit xogħol, inkella ***bis-sienja***. Meta jkun se jtella' l-ilma b'idejh b'xi qolla, barmil jew landa, il-bidwi jinqeda bit-***taljola*** li tkun imdendla ma' ***menża*** mistrieħa fuq żewġ plieri msejjħin il-***plieri tal-bir*** jew ***grabja***. Il-grabja tista' wkoll tkun magħmula minn tliet seratizzi mwaħħlin flimkien in-naħa ta' fuq permezz ta' musmar twil tal-ħadid. It-taljola tkun imdendla ma' katina marbuta ma' dak il-musmar. Biex jitnaqqas il-periklu li wieħed jaqa' fil-bir, dari kull bir kien ikollu l-***ħerża*** li kienet tkun ħaġra tal-ġebel kbir u mtaqqba. In-naħa ta' isfel kienet tkun kwadra biex toqgħod fuq il-bokka tal-bir u n-naħa ta' fuq ġejja għat-tond billi fl-antik l-ilma kienu jtellgħuh bil-qolla jew bil-qannata li wkoll tkun ġejja għat-tond.

Is-sienja kienet tkun mibnija fuq il-bokka tal-bir u jkun fiha ħafna bramel apposta fuq xulxin li jinżlu battalin u jitilgħu mimlijin bid-dawrien ta' makkinarju apposta mħaddem minn bhima, ħmar, bagħal, żiemel jew xi gendus.

Biex l-ilma jitwassal fejn hemm bżonn minn ħdejn il-bir ġie li jkun hemm il-kanali tal-ġebel imwaħħlin fl-art u mgħaqqda bis-siment biex l-ilma ma jintilifx. L-ilma tas-sienja jinqaleb għal ġo ***qana*** jew bħal ***ħawt*** li jkun jinfed mal-kanali.

Wara s-***swieni***, li kien ilhom jintużaw mijiet tas-snin, daħlu l-***pompi*** jew ***imtieħen tar-riħ***. Dawn kienu jinġiebu mill-Amerika. Il-pompi tar-riħ ma kienx fihom spejjeż għax kemm tagħtihom xi ftit żejt, il-bqija jduru bir-riħ u jtellgħu l-ilma. Iżda billi r-riħ ma jiġix x'ħin trid int, allura l-bidwi kien jibni ġiebja kbira ħdejn il-mitħna biex meta jkun riħ tajjeb din timtela bl-ilma u l-bidwi hekk ikollu l-ilma li għandu bżonn fil-ġiebja ħalli jsaqqi l-uċuħ kumdita' tiegħu.

B'xorti ħażina llum anki dawn l-imtieħen tar-riħ qegħdin jiġu traskurati għax illum l-ilma jittella' permezz ta' ***pompa bil-mutur***. Dawn il-muturi huma aktar effiċjenti għaliex bihom tista' ttella' l-ilma x'ħin trid u kemm trid.

Fejn hemm l-ilma ġieri l-ilma jinħażen ukoll taħt l-art, kemm fl-***ispejjer*** kif ukoll fil-mini. ***L-ispiera*** titħaffer fejn aktarx jinsab l-ilma, ix-Xagħra, in-Nadur, il-Qala, Għajnsielem, u ż-Żebbuġ. Meta jinsab l-ilma jew it-tafal, titħaffer ukoll mina biex jinħażen l-ilma jew tinqabad xi miġra. B'xorti ħażina dawn l-ispejjer u dawn il-mini kienu l-kaġun li bosta għejjun antiki li kienu jissemmew fl-imgħoddi spiċċaw mingħajr ilma. L-ispejjer u l-mini kienu wkoll il-kawża ta' inkwiet bejn diversi sidien li kienu jippruvaw jieħdu l-ilma ta' xulxin. Ix-Xagħra u n-Nadur insibu wkoll mini taħt is-sisien li fihom għejjun kbar u antiki ta' l-ilma, x'uħud li kienu tħaffru saħansitra fi żmien ir-Rumani kif jixhdu xi kanali u katusi li hemm fil-qrib.

## Ix-xogħol tar-raba

Il-ħamrija, biex tagħti għelejjel u wċuħ kotrana jeħtieġ li tinħadem. Issa s-sena tal-biedja tibda wara Santa Marija, festa li tiġi fil-15 ta' Awissu, għalhekk ix-xogħol tat-taqlib tal-ħamrija jibda fl-aħħar ġimgħat ta' Awissu. U l-ewwel wiċċ li jinżera' tkun is-silla. Is-silla tinżera' kmieni biex il-qoxra taż-żerriegħa tilħaq titherra bin-nida għax inkella ma tinbitx. Biex fil-każ li tagħmel ħafna xita ż-żerriegħa ma tinġarrx kollha ma' l-ilma, il-bidwi ***jħarbex*** il-għalqa, jiġifieri jaħrat raded imbegħdin bil-moħriet tal-bhima. Illum dan ix-xogħol qajla għadu jsir.

Għal uċuħ oħra r-raba jeħtieġ li jingħażaq jew jinħarat. Qabel ma jinħadem jeħtieġ ukoll li jingħata d-***demel***. Il-bidwi ***jdemmel*** ir-raba skond il-ħtieġa, u jagħżel demel minn ieħor skond liema wċuħ ikun se



jkabbar. Il-għażieq ma jkunx dejjem l-istess. Dari, biex ir-raba jithejja għaż-żrigħ il-bdiewa kienu ***jiksruh***, jiġifieri ***jgħażquh fil-fond*** u jaqilgħu ***tub*** kbir jew ċapep tal-ħamrija. Il-għażieq kien isir bil-***gorxin*** jew ***kruċ*** u fejn ir-raba jkun xi ftit iebes u żejtni, kien jingħażaq bil-***fiesa*** jew bil-***fies***. Il-bdiewa kienu jiltaqgħu flimkien, wieħed ma' ġenb wieħed u jiksru r-raba u hekk ihejjuh għall-ewwel xita.

Illum dan ix-xogħol isir bil-***moħriet tan-nar*** jew *tractor* li bis-sikka kbira tiegħu jaqleb il-ħamrija billi jaħrat il-għalqa ***fuq ġenb*** bil-ħsieb li dejjem jimbotta l-ħamrija għan-naħa ta' fuq.

Wara li tkun għamlet ix-xita, ħafna mit-tub kbir li jinqala' kien jinħall bl-ilma, imbagħad ikompli jitfarrak bil-għażiq. Il-bidwi kien ukoll ***ixattab*** il-għalqa biex l-art tkun lixxa kemm jista' jkun. Ix-***xatba*** kienet tkun ta' l-injam, għamla ta' trijanglu, u n-naħa ta' wara jkollha msiemer kbar biex ifarrku t-tub.

Xi raba li ma jkollux bżonn min jiksru, il-bidwi kien jaħartu bil-moħriet tal-bhima. Ġie li kien jagħtih żewġ ***mogħdijiet*** kontra xulxin u mbagħad ixattab il-għalqa ħalli jħejjiha għaż-żrigħ.

Raba' li ma jinħadimx jibqa' żdingat u jtella' ħafna ħaxix ħażin. Raba mhux maħdum u qisu mitluq għal kollox, kollu ħaxix ħażin, jissejjaħ ***ġmiem*** jew ***raba' ġmiem***.

**Iż-żriegħ**

Meta l-bidwi jiġi biex jiżra', dan jista' jiżra' l-għalqa kollha wiċċ wieħed, inkella jqassam il-għalqa tiegħu fi ***ħrieġi*** u f'kull ***ħarġa*** jkollu wiċċ differenti. Il-bidwi jista' wkoll jiżra' dawn il-għelieqi jew ħrieġi ***bin-newba***, jiġifieri jbiddel il-wiċċ kull darba u mhux jiżra' l-istess wiċċ sena wara l-oħra fl-istess għalqa jew ħarġa. Xi raba, flok fi ħrieġi, ikun imqassam f'ċanet, jiġifieri taqsimiet imdawrin jew b'ħajt baxx tas-sejjieħ, jew bil-weraq ta' d'Indja, inkella bil-qanniċ.

Iż-żriegħ ma jsirx dejjem l-istess. Uċuħ differenti jeħtieġu metodi ta' żriegħ differenti. Is-silla u ż-żergħa jinżergħu ***bil-keff***, jiġifieri l-bidwi jieħu ponn żerriegħa f'id u jxerridha mal-għalqa. Hawn il-bidwi jrid joqgħod attent li jagħti l-għalqa kollha għax fejn ma jiżrax ma jinbitx. Wiċċ li dari kien jinżera' hu dak tal-kemmun.

Meta ż-żriegħ ma jsirx bil-keff, imma b'modi oħra kif se naraw, dari ma kienx isir f'ringieli dritti għax il-bidwi kien igħaddi l-wiċċ bl-imgħażqa. Iżda llum, minħabba li jkun irid igħaddi l-wiċċ b'xi moħriet jew *cultivator*, iż-żriegħ u t-taħwil aktarx isiru f'ringieli ħalli jkun jista' jaħdem aħjar.

Il-ful jinżera' ***fil-ħofra***. Għalhekk il-bidwi jeħtieġlu li jħaffer, jitfa' l-fula fil-ħofra, u mbagħad jerġa' jordomha. Il-patata wkoll tista' tinżera' bil-ħofra. Dik ***tar-rebbiegħa***, li tinżera' bejn ***Sanpawlijiet*** - 25 ta' Jannar sal-10 ta' Frar - tinżera' biċċa f'kull ħofra. Ngħid biċċa għax iż-żerriegħa tal-patata li tiġi minn barra, aktarx mill-Irlanda, tinqasam fi bċejjeċ skond kemm-il ***għajn*** ikun fiha l-patata. Kull għajn tinbet f'xitla differenti. Il-patata tax-xitwa tinżera' f'Settembru u Ottubru, jew fir-radda, li ssir bil-moħriet tal-bhima, jew inkella moħriet modern imsejjaħ ***cultivator***, jew bil-ħofra. F'dan il-każ il-ħofra tkun kemmxejn wiesgħa u l-bidwi jiżra' bil-lexxuna tliet patatiet jew erbgħa madwar il-ħofra, u mbagħad isaqqi. L-għada taż-żriegħ jordom il-ħofra biex it-tisqija ma tinxifx. Malli l-patata tinbet, jerġa' jsaqqi.






GELLUXA
LIMITED

We are at your Service

- Best Quality Animal Feeds
- All famous Liqueur Brands
- Large variety of Confectionery
- Everything at most Competitive Prices



GELLUXA SUPERMARKET
St. Anthony Street, Mgarr, Gozo.
Tel: 2155 1555 - 2155 4273




għal ikla mill-aqwa
bl-irħas prezzijiet
fil-festi tal-Milied

15, Ramla Road, Nadur, Gozo - Malta.
Tel.: 2156 4890 Mob.: 9942 5830




# IL-MUŻEW TA' L-ISTORJA NATURALI

## (It-Tielet Parti)

### *L-oriġini tal-bniedem*

L-evidenza li nstabet mill-fossili ta' l-antenati ta' qabel il-bniedem modern, hija maqsuma f'żewġ kategoriji: *Australopithecus* u *Homo* u jibdew madwar 5 miljun sena ilu. Huwa ċert ħafna ż-żmien ta' qabel dawn l-ispeċi fl-evoluzzjoni li wasslet għall-ewwel forom tal-bniedem.

Bejn 7 u 20 miljun sena ilu forma primittiva ta' annimali li jixbħu x-xadini kienu mifruxa sew fil-kontinent Afrikan u aktar tard fil-kontinent Ewrasjan. Għalkemm instabu kwantità kbira ta' għadam u snien fossilizzati, il-mod kif kienu jgħixu dawn il-kreaturi u r-relazzjoni evoluzzjonarja tagħhom max-xadini u s-suriet umani għadu punt dibattibli fost ix-xjenzjati. Waħda minn dawn l-ispeċi ta' xadini magħrufa bħala Sivapithecus, tidher li għandha ħafna fatturi li jixbħu lix-xadina li tgħix fl-Asja, l-orangutan, u li tista' tkun l-antenat dirett tagħha. Madankollu ebda waħda minn dawn il-fossili ma jagħtu provi konvinċenti biżżejjed li juru li huma fil-linja li wasslet għall-familja li minnha ħarġet ir-razza umana.

Paragun mal-proteini tad-demm kif ukoll tad-DNA (*deoxyribonucleic acid*: sustanza li ġġorr informazzjoni ġenetika fil-kromożoni) tax-xadini Afrikani ma' dawk umani, jindikaw li l-linja li wasslet għall-bniedem modern ma sseparatx minn dik taċ-ċimpanże u tal-gorilla qabel tard ħafna fl-evoluzzjoni. Għalhekk fuq dawn il-paraguni, ix-xjenzati jemmnu li ż-żmien ta' separazzjoni evoluzzjunarja seħħet madwar 6 jew 8 miljuni snin ilu. Huwa għalhekk possibli li l-fossili ta' l-ewwel tip ta' xbieha umana li bdiet tidher madwar 5 miljun sena ilu titfa' iktar lura l-bidu tal-linja umana. Bi kxif t'aktar fossili fil-futur, huwa l-mod li wieħed ikun jista' jagħti aktar żmien preċiż meta l-antenati diretti ta' l-ispeċi tax-xadin modern Afrikan issepara minn dawk li waslu għall-bniedem modern u allura jkun jista' jingħad li minn hemm bdiet l-evoluzzjoni umana.

### *Australopithecus*

L-evidenza fil-fossili ta' l-evoluzzjoni umana, tibda bl-ispeċi *Australopithecus*. Fossili ta' dan l-ispeċi nstabu f'numru ta' siti fil-lvant u fin-nofsinhar ta' l-Afrika. Frammenti mill-iskeletru ta' dan l-ispeċi jmorru lura għal madwar 4 jew 5 miljun sena. Dan il-ġeneru ġie estint madwar 1.5 miljun sena ilu. It-tipi ta' l-*Australopithecus* kollha kienu kapaċi jimxu fuq żewġ saqajn u għalhekk jidħlu fir-razza umana. Imbagħad jekk nidħlu fid-dettal tas-snien, ixdqa u daqs tal-moħħ, hawnhekk kienu jvarjaw mhux ħażin bejniethom u minħabba f'hekk ġew separati f'ħames kategoriji: l-*Australopithecus anamensis*, *A. afarensis*, *A. africanus*, *A. robustus* u *A. boisei*.

L-eqdem li hu magħruf fosthom huwa l-*Australopithecus anamensis*. Dan instab fl-1995 mal-ġnub ta' l-għadira Turkana fil-Kenja. Il-fdalijiet imorru lura bejn wieħed u ieħor madwar 3.9 sa 4.2 miljuni ta' snin. Is-snien u l-ixdqa fossilizzati jixbħu lil dawk taċ-ċimpanże għalkemm in-nejbiet huma akbar u anqas angulati. Madankollu, l-*A. anamensis* kien jippossiedi ġisem distint li jixbaħ lil dak uman u li kien jimxi wieqaf.

L-*Australopithecus afarensis* għex fil-lvant ta' l-Afrika bejn 3 u 4 miljun sena ilu. Misjub fir-reġjun magħruf bħala Afar fl-Etjopja u fit-Tanżanija, dan l-ispeċi ta' *Australopithecus* kellu d-daqs ta' moħħu kemmxejn akbar minn taċ-ċimpanże (minn 400 sa 500 ċentimetri kubi = ċ.k.). Uħud minnhom

kellhom nejbiet li kienu joħorġu 'l barra aktar minn tar-razez l-oħra li kienu jixbħu lill-bniedem. Ebda tip ta' għodod ma nstabu ma' dawn il-fossili.

Bejn it-2.5 u 3 miljun sena ilu l-*A.afarensis* evolva fi speċi ieħor, dak ta' l-*Australopithecus africanus* magħruf l-aktar għal post fejn instab fl-Afrika t'Isfel. L-*A.africanus* kellu moħħ daqs dak ta' qablu, imma għalkemm id-daqs tas-snien, li kien jogħmod bihom baqgħu kbar, in-nejbiet ċkienu għad-daqs tas-snien u ma baqgħux sporġuti 'l barra. Bħal ta' qablu ebda għodod ma ġew mikxufa mal-fdalijiet tiegħu.

Issa, madwar 2.6 miljun sena ilu, mill-fossili ġie nnutat li kienu jeżistu mill-inqas tnejn u forsi anke erba' speċi differenti ta' kreaturi ta' forma umana. Jidher li qasma evoluzzjonarja seħħet f'dan iż-żmien fil-linja li kienet qed twassal għax-xbieha umana, b'parti minnhom tevolvi fil-ġeneru *Homo*, li finalment wassal għall-bniedem modern, filwaqt li l-ispeċi l-oħrajn żviluppaw fl-ispeċi *Australopithecus,* li eventwalment ġew estinti.Dawn ta' l-aħħar kienu jinkludu dawk magħrufa bħala *A. robustus*, li nstab biss fl-Afrika t'Isfel, u *A. boisei* li l-fdalijiet tiegħu nkixfu fil-Lvant ta' l-Afrika.

### *Il-Ġeneru Uman*

Għalkemm ix-xjenzati ma jaqblux bejniethom, hemm ħafna tal-fehma li wara li seħħet il-firda evoluzzjonarja, A. africanus kien li evolva fil-ġeneru Homo. Jekk inhu hekk din it-tranżizzjoni fl-evoluzzjoni seħħet bejn 1.5.u 2 miljun sena ilu. Studju fuq fossili ta' dak iż-żmien juri taħlita kurjuża ta' suriet. Xi wħud kellhom moħħ relattivament kbir - ħafna minnhom kważi 800 ċ.k. - u kellhom ukoll snien kbar daqs ta' l-*Australopithecus*. Oħrajn kellhom snien żgħar bħal ta' l-*Homo*, imma moħħ żgħir bħal ta' l-*Australopithecus*. Numru ta' kranji u ixdqa fossilizzati minn dak iż-żmien, li nstabu fit-Tanżanija, l-Kenja u fil-Lvant ta' l-Afrika ġew imsemmija *Homo* habilis, li tfisser "bniedem kapaċi". Dan għaliex ħdejn uħud mill-fossili nstabu għodod tal-ġebel. L-*Homo habilis* kellu bosta xeħtiet li rabtuh kemm ma' l-ispeċi ta' qablu, l-*Australopithecus*, u kemm mal-membru ta' warajh, il-ġeneru *Homo*. Wisq probabli li dan l-ispeċi jirrappreżenta t-tranżizzjoni evoluzzjonarja bejn l-*Australopithecus* u l-ispeċi li minnha aktar tard ħarġet l-ispeċi umana.

L-eqdem evidenza ta' għodod tal-ġebel instabet f'siti fl-Afrika li ġew datati għal madwar 2.5 miljun sena ilu. Dawn l-għodod ma ġew marbuta ma' ebda ħlejqa

***Louis Leakey u martu Mary f'mument ta' studju fuq l-irjus ta' australopithecus ta' l-Afrika t'Isfel u Zinjanthropus li huma sabu f'Olduvai***





partikulari. Bejn 1.5 u 2 miljun sena ilu, f'siti f'partijiet differenti fil-Lvant ta' l-Afrika, instabu mhux biss għodod tal-ġebel, imma wkoll għadam ta' l-annimali bi grif fuqhom li minn esperimenti li saru, juru li dawn setgħu seħħew biss minn azzjoni umana waqt il-qtugħ tal-laħam. Dan jiżvela l-evidenza li f'dak iż-żmien dawn l-ispeċi umani kienu jieklu l-laħam. Issa mhux magħruf jekk il-laħam kienx ta' annimali kkaċjati jew ta' annimali li kienu diġà mejta. Li mhux magħruf ukoll huwa l-fatt jekk, kienux jieklu ħxejjex ta' l-ikel u ikel ieħor ġej mill-annimal, bħal ħalib. Anqas ma hu magħruf jekk dawn is-siti humiex marbuta ma' l-attività li għamlu l-membri fil-linja tal-*Homo*, jew inkella l-*A. robustus* kienx juża dawn l-għodod u jiekol il-laħam.

Madwar 1.7 miljuni sena ilu, fl-Afrika tfaċċa speċi ġdid li kellu daqs ta' moħħ kbir u kellu snien żgħar. Fl-istess żmien, jew inkella kemm xejn wara, deher speċi bħalu fl-Asja wkoll. Matul id-disgħinijiet tas-seklu li għadda dawn iż-żewġ speċi ġew klassifikati bħala l-*Homo erectus* (il-bniedem wieqaf), għalkemm issa, bosta xjenzjati qablu li jikklassifikawhom bħala żewġ speċi separati fil-linja tal-bniedem. Dak Afrikan issejjaħ *Homo ergaster*, filwaqt li l-fdalijiet li nstabu fl-Asja baqgħu jissejħu *Homo erectus*. Mill-ġdid bosta huma dawk li jaqblu li *Homo ergaster* tfaċċa l-ewwel fl-Afrika u mbagħad tferrex malajr fl-Asja fejn evolva fl-*Homo erectus*. Imma r-relazzjoni bejn dawn iż-żewġ speċi tibqa' kontroversjali. Iżda skoperti riċenti u metodi ġodda ta' datazzjoni, ġagħlu lil xi paleoantoloġisti biex jgħidu li l-*Homo erectus* għex fiċ-Ċina bejn 1.7 u 1.9 miljun sena ilu. Xi xjenzjati oħra ssuġġerew li l-eqdem fossili ta' l-ispeċi umana misjuba fl-Asja jistgħu jkunu l-predeċessuri ta' l-*Homo erectus* fl-evoluzzjoni.

Matul iż-żmien ta' l-*Homo erectus* u l-*Homo ergaster*, l-evoluzzjoni umana baqgħet miexja fid-direzzjoni tagħha. Id-daqs tal-moħħ ta' l-ewwel *Homo ergaster* ma kienx ħafna akbar minn dak ta' l-ispeċi umana ta' qablu li kellu volum ta' bejn is-750 u 800 ċ.k. Aktar tard l-*Homo erectus* kien jippossedi moħħ b'volum ta' bejn 1100 u 1300 ċ.k. li jersaq ħafna lejn dak ta' l-*Homo sapiens* (il-bniedem modern).

F'numru ta' siti arkeoloġiċi ta' żmien l-*Homo erectus* instabu għodod aktar sofistikati minn ta' siti eqdem. Evidenza misjuba fl-Għar tal-Bniedem minn Peking fit-Tramuntana taċ-Ċina, tissuġġerixxi li l-Homo erectus kien juża n-nar. Għadam fossilizzati ta' mammali kbar, bħal ta' l-iljunfanti misjuba ħdejn siti ta' l-*Homo erectus* jissuġġerixxu wkoll li dan l-ispeċi kien żviluppa fih l-abbiltà tal-kaċċa. Dan it-tagħrif jurina li l-ewwel bnedmin bdew jkunu aktar kumplessi u effiċjenti.



*Eħilsu mill-qilla tax-xemx u sebbħu djarkom bil-Vertical & Venetian Blinds & Roller Shades ta'*

**Tony Camilleri**

VARJETÀ KBIRA TA' BLINDS U SHADES TAD-DRAP, ALUMINIUM U PLASTIC, KIF UKOLL FLY SCREENS.



**KOLLOX BI PREZZIJIET RAĠJONEVOLI**

*Għal aktar dettalji irrikorru għand:*

GOZO VERTICALS & SHADES LTD.

David Cocco Palmieri Street, Nadur, Gozo
Tel. 553352 / 562211 - Mob. 099 5001 - Fax 562211




**ISSA TISTA' THAWWAR IL-BORMA BĦAL DARI !**

ISSIB, HWAWAR, HXEJJEX AROMATIĊI, FROTT IMQADDED GĦALL-ĦELU U PRODOTTI OĦRAJN GĦAL-IKEL.

14-15 KERĊEM RD. VICTORJA, VLP 104 GOZO. TEL: 562160

# int u saħħtek



Dr. Mario Saliba M.D.

## Stress Skolastiku

L-iskola suppost hija post ta' tagħlim u formazzjoni tal-karattru ta' uliedna. L-ambjent ta' l-iskola għandu jkun wieħed aċċettat minn uliedna u li jtihom ċertu pjaċir minkejja x-xogħol ta' l-iskola. F'xi studenti hemm l-ideja li l-iskola hija ħabs u ma jmorrux għal qalbhom l-iskola. In-numru ta' tfal li jfallu qed jiżdied , u dan ħafna drabi ikun bil-barka tal-ġenituri. Dawn jgħidulek li aħjar iżommuhom id-dar jagħmlu xi ħaġa milli jibgħatuhom l-iskola! Hemm diversi raġunijiet għal dan. B'xorti ħażina l-iskola tista' tkun post ta' stress għal uliedna. Fil-fatt hemm raġunijiet speċifiċi għax l-iskola hija ta' stress għall-istudenti u għalhekk tista' tkun ta' detriment għal saħħithom.

Il-*bullying* fl-iskejjel taghna huwa sinifikanti jekk mhux ukoll allarmanti. Huwa l-iktar fattur li jikkawża stress fuq it-tfal. Hemm diversi tipi ta' *bullying* u naħseb li issa wasal iż-żmien li joħorġu *guidelines* nazzjonali għall-iskejjel kollha biex l-edukaturi jkollhom gwida standard kif għandhom iġibu ruħhom ma' studenti *bullies* u kif jistgħu jgħinu l-vittmi tal-*bullies*. Naħseb li dan huwa possibbli għax ir-riċerka dwar dan is-suġġett li saret hawn Malta u Għawdex kienet waħda estensiva u dettaljata. Anke dwar id-dixxiplina fl-iskejjel hemm ħafna xi tgħid. Hemm ċerti studenti li huma fuq tagħhom iżżejjed u jidhrilhom li kibru. Naf ħafna għalliema li jsibuha diffiċli biex jikkontrollaw dawn l-istudenti u biex ma jiġux fl-inkwiet iħalluhom jieħdu r-riħ. Naf li ġa hemm xi skejjel li għamlu *guidelines* għall-għalliema dwar dan. L-għalliem xi kultant ma jkunx jaf sa fejn għandu jasal fid-dixxiplina tiegħu. Naħseb li kodiċi ta' etika għall-għalliema dwar iż-żamma tad-dixxiplina hija importanti ħafna f'dawn iż-żminijiet. Fl-Ingilterra ġraw każijiet fejn għalliema li ddefendew ruħhom mill-aggressjoni ta' l-istudenti kienu akkużati li ġabu ruħhom ħażin u li kienu aggressivi ma' dawn l-istess studenti!

Il-*homework* dejjem kien suġġett kontroversjali u ta' stress enormi fuq it-tfal. Hemm min jaqbel miegħu u hemm min totalment huwa kontrih. Fil-bidu ta' dan is-seklu l-*homework* kien jingħata mportanza kbira u biż-żmien meta l-eżamijiet saru iktar importanti ċerti skejjel bdew jippruvaw igħollu l-livell fl-eżamijiet billi jżidu l-ammont ta' *homework*. Il-kwalitajiet ta' l-għalliem kienu jitkejlu minn kemm *homework* jagħti. Maż-żmien bil-mezzi ġodda ta' tagħlim bħalma huma l-kompjuter, is-safar bħala mezz ta' tagħlim, u t-televiżjoni, l-importanza tal-*homework* bdiet tonqos, u studju riċenti mill-Istitut Edukattiv tal-Università ta' Londra wera li biex il-*homework* ikun ġustifikat, speċjalment fi tfal ta' taħt il-għaxar snin, irid veru jkollu valur edukattiv.

Kull studju li sar maż-żmien dejjem wera li l-*homework* għandu kemm vantaġġi u kemm żvantaġġi. Dak li huwa żgur huwa li tfal żgħar għandhom jingħataw *homework* mill-inqas u dawk fi skejjel sekondarji ghandhom jingħataw ammont moderat ta' *homework* li jkun komplimentari ma' dak li jitgħallmu fil-klassi. Jekk student jifhem il-lezzjoni ftit għandu bżonn *homework*. Il-*homework* iktar huwa meħtieġ għal min għandu abbiltà medja jew anqas. Il-*homework* suppost igħin biex l-istudent jitgħallem iqassam il-ħin tiegħu aħjar, ikun dixxiplinat u jkun hemm kontinwazzjoni bejn dak li jsir fil-klassi u dak li jsir id-dar. Għalhekk l-ambjent tad-dar huwa importanti ħafna, u inutli li jingħata xogħol għad-dar

jekk fid-dar ikun hemm ambjent instabbli u problemi familjari. F'dan l-ambjent il-*homework* jista' jkun ta' pressjoni fuq it-tfal għax dawn ma jkollhomx is-sapport u l-għajnuna meħtiega fid-dar.

Il-*homework* għandu jkun tkomplija ma' dak li jsir fil-klassi. Jekk l-istudent ma jkunx fehem l-lezzjoni inutli li jingħata skoss *homework* għax dan xorta ma jkunx kapaċi jagħmlu, u minflok iservih ta' stress. Jiena tal-fehma li l-*homework* għandu jkun maniġġabbli, l-għalliema għandhom jagħtu s-sapport tagħhom u mhux jikkastigaw l-istudent jekk dan ma' jagħmilx il-*homework* kollu, u għandhom jippremjaw lill-istudent għax-xogħol tad-dar. S'issa l-ebda studju għadu ma' wera li l-*homework* ikabbar il-livell ta' l-edukazzjoni. Dak li huwa ċert hu li l-*homework* huwa iktar meħtieġ f'livell sekondarju milli fil-livell primarju, u meta t-tfal ikunu ta' abbilità medja jew anqas. Studji oħra urew li biex il-livell ta' edukazzjoni jogħla irid isir enfasi iktar fuq il-qari speċjalment fil-livell primarju.

Barra l-kwistjoni tal-homework iktar importanti huwa l-ambjent ta' l-iskola. Dan għandu jkun wieħed li jilqa' lit-tfal u jagħmilhom kuntenti. Naħseb li hija l-ħolma ta' kull amministratur u x-xewqa tagħna l-ġenituri li l-iskejjel ta' l-istat ikunu modernizzati kontinwament biex il-klassijiet ikunu komdi u jkunu wirja ta' post nadif u li jilqgħek. Ħafna mill-iskejjel ta' l-istat għadhom neqsin anke minn affarijiet bażiċi u ftit huma komdi għall-istudenti. Għalhekk kien pass ta' min ifaħħru li l-Ministeru t'Għawdex beda proġett is-sajf l-ieħor biex jimmodernizza l-iskejjel. Kull ċenteżmu minfuq fl-edukazzjoni huwa investiment għall-futur ta' pajjiżna. L-edukazzjoni ċivika biex it-tfal jieħdu ħsieb l-iskola tagħhom stess għandha tingħata importanza massima u tfal li jagħtu eżempju bl-imġieba tagħhom għandhom ikunu premjati.

Fl-iskejjel ta' l-istat ftit tara *posters* edukattivi mal-ħitan, purtieri mat-twieqi u bankijiet komdi. Fiż-żmien ta' l-edukazzjoni tiegħi kien ikollna attivitajiet barra l-kurrikulum fejn konna nitgħallmu suġġetti interessanti bħal drama, *public speaking,* filatelija, fotografija, eċċ. Illum din it-tip ta' edukazzjoni spiċċat mill-iskejjel tagħna. Minflok ħallew kwantità ta' suġġetti akkademiċi, u anke issa ser ikollhom l-isports ukoll bħala suġġett akkademiku. Fl-opinjoni tiegħi l-istudenti għandhom wisq suġġetti x'jistudjaw. Dawn is-suġġetti kollha qegħdin jikkawżaw stress fuq it-tfal.

Is-sistema edukattiva tiddependi direttament minn kemm ikollok għalliema tajbin. Minn dawn jiena ċert li m'aħniex neqsin. Għalliema kwalifikati u b'esperjenza hemm ħafna. Dawn għandhom ikunu nkuraġġiti biex jibqgħu jgħallmu billi jingħataw inċentivi u żieda fil-paga meta jibqgħu fil-klassi. Ħafna għalliema tajbin u ta' esperjenza sfortunatment qegħdin jintilfu fuq xogħol amministrattiv. Ix-xogħol ta' għalliem huwa fil-klassi mhux fl-uffiċċju. Għalliema li jagħżlu suġġetti bħal matematika u x-xjenzi għandhom ikunu preferuti peress li hawn nuqqas kbir tagħhom. Dawk l-istudenti tajbin li jkollhom dawn is-suġġetti jispiċċaw fil-professjonijiet l-oħra u mhux għalliema.

Meta tqis dan kollu li għidna naħseb li s-sistema edukattiva f'pajjiżna għandha bżonn bidla mill-qiegħ. Tajjeb li kulħadd jibda jaħdem biex il-Kurrikulu Nazzjonali ikun implimentat. Skond dan il-kurrikulu l-istudenti huma l-protagonisti u għalhekk affarijiet li joħolqu stress lill-istudenti għandhom ikunu mneħħija. Is-suċċess tal-kurrikulu jitkejjel minn kemm għandek studenti kuntenti u minn kemm dawn l-istudenti huma kapaċi jiffaċċjaw il-ħajja fil-futur.






jikteb Joe Bajada

# L-Ewwel Unur ta' l-Istaġun

## *It-Tazza Indipendenza*

Nadur Youngsters kisbu l-ewwel unur ta' l-istaġun tal-Gozo Football Association meta fil-finali rebħu 5-3 bil-penalties lil Żebbug Rovers wara li sal-ħin regolmentari u anke wara li ngħata l-ħin barrani, l-iskor kien baqa' dak ta' 2-2. Kienet finali b'waqtiet interessanti fejn iż-żewġ naħat offrew 120 minuta ta' logħob kumbattut bir-rebħa setgħet marret fuq kull naħa. Għalhekk kellhom ikunu l-*penalties* li jassenjaw ir-rebħ ta' din il-21 edizzjoni tat-Tazza Indipendenza. Għal Nadur dan kien is-sitt suċċess tagħhom f'din il-kompetizzjoni.

Din is-sena t-Tazza Indipendenza ntlagħbet bejn l-ewwel erba timijiet li kklassifikaw fl-ewwel postijiet ta' l-ewwel diviżjoni ta' l-istaġun li għadda. Dan sar biex jitnaqqsu l-ispejjes involuti biex torganizza l-logħob fosthom ħlasijiet lill-pulizija, *referees*, *nurse* u nies mal-bibien fost l-oħrajn. Kienet deċiżjoni li tagħmel sens għax ma jistax ikun li l-GFA tkompli togħdos aktar 'l isfel f'dawk li huma finanzi. Bosta jafu d-diffikultajiet finanzjarji kbar li tinsab fihom din l-Assoċjazzjoni Għawdxija li sfortunatament f'dawn l-aħħar staġuni fi sforz li jitjiebu l-faċilitajiet u s-sapport lil Gozo FC,



id-djun kibru bl-eluf. L-ammont eżatt għad mhux magħruf għax għalkemm kienu ġa għaddew iktar minn tliet xhur minn mindu saret il-Laqgħa Annwali Ġenerali tal-GFA, r-rapport finanzjarju kien għadu ma ġiex ippreżentat.

Fil-finali kienu Nadur li bdew l-aħjar fejn wara li Bonello laqat il-lasta, fid-19 il-minuta żblukkaw ir-riżultat permezz ta' Derek Elliot. Żebbuġ wettqu reazzjoni mmedjata fejn tliet minuti wara kisbu penalty li minnu Andy Ezenwata għamel l-iskor indaqs. Iżda fit-32 minuta reġgħu kienu Nadur li marru minn fuq b'daqqa ta ras perfetta ta' Saviour Farrugia. Fit-tieni taqsima Żebbuġ ma setax kellhom bidu aħajr għax fl-40 sekonda reġghu kisbu d-draw bi ġmiel ta' xutt minn barra l-kaxxa ta' Terik Belhaj. Wara li Żebbug tkeċċielhom Cardona, Nadur setgħu mill-ġdid marru fil-vantaġġ meta fid-29 minuta ngħataw penalty iżda Madu ra lill-bravu goalkeeper żagħżugħ Victor Agius isalvalu f'żewġ attentati.

Bil-logħba tibqa' fi draw kellu jingħata l-ħin barrani fejn hawn l-ebda tim ma rnexxielu jiskorja l-golden goal, bl-unika nota tkun li Zebbuġ tkeċċielhom ukoll Camilleri biex spiċċaw jilgħabu b'9 plejers. Il-penalties li taw ir-rebħa lil Nadur skurjawhom Kim Wright, Anthony Portelli, Jude Madu, Saviour Farrugia u Joseph Bajada. Żebbuġ min-naħa tagħhom skurjaw tlieta biss permezz ta' Graham Unah, Mario Azzopardi u Joseph Cordina, filwaqt li Sylvan Galea tefa' barra.

Fi tmiem il-finali l-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono ppreżentat it-Tazza Indipendenza lil Saviour Farrugia, captain ta' Nadur Youngters u oħra lil viċi tiegħu Paul Camilleri. Anke Żebbuġ bħala finalisti telliefa ġew ippreżentati b'Tazza oħra fejn kien Alex Tramboo li rċieviha f'isem sħabu.

## Il-G.F.A. tiltaqa' mal-Ministru għal Għawdex

Lejn l-aħħar ta' Ottubru, delegazzjoni għolja mill-Gozo Football Association immexxija mill-President Joe Cordina għamlet żjara ta' kortesija fil-Ministeru għal Għawdex fejn iltaqgħet mal-Ministru Giovanna Debono.

F'din il-laqgħa ġew diskussi diversi temi li jirrigwardjaw il-futbol Għawdxi. L-iktar tema li ġiet mogħtija prijorità hija dik tal-proġett ta' l-istallazzjoni tal-floodlights fil-Gozo Stadium, inċidentalment ukoll l-għada li logħba mit-tazza GFA kellha tiġi abbandunata fil-ħin barrani minħabba d-dlam. IL-GFA uriet il-pjanijiet kollha tagħha f'dan il-proġett bix-xewqa ukoll li l-Ministeru għal Għawdex jgħin f'din l-ambizzjoni utli għall-futbol Għawdxi.

Min-naħa tagħha l-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono wara li tenniet għal darb'oħra kif il-Ministeru qed jgħin lill-Assoċjazzjoni Għawdxija f'dak li huwa servizz ta' ċerti ħaddiema tal-Gvern fil-Gozo Stadium, kkonfermat ukoll li tista' tagħti iktar għajnuna simili kif ukoll makkinarju fit-twettiq ta' dan il-proġett ambizzjuż.

Għaldaqstant ġie mwaqqaf sotto-kumitat bejn il-Ministeru għal Għawdex u l-GFA biex jikkoordina aħjar ix-xogħlijiet relatati ma' dan il-proġett. Minbarra dan ġew diskussi ukoll affarijiet oħra dwar kif jista' jsir titjib u manutenzjoni tal-Gozo Stadium. Iż-żewġ naħat qabblu ukoll li għandhom jinżammu iktar laqgħat bejniethom biex jiġu konsolidati iktar ir-relazzjonijiet tajba eżistenti.








# kurżitajiet minn madwar id-Dinja

*miġbura minn Pierre Mejlak*

- Fl-Afrika skoprew fdalijiet ta' *Titan* (familja tad-Dinosawri) li hu twil xi 30 metru. L-użin tiegħu hu daqs ta' 20 iljunfant flimkien.

- Min jaf kemm hawn nies li jibżgħu minn titqiba żgħira li kultant xi *nurse* jew tabib ikollu jagħmlilna biex jagħtina xi mediċina. Dan il-biża issa se jgħib wara l-invenzjoni tal-Ingliż Peter Crocker. Dan ivvinta labra li tant tidħol b'veloċita kbira fil-ġisem, li ma tagħtikx ċans tħoss l-uġiegħ. Il-labbra tidħol b'veloċita' ta' 100 kilometru fis-siegħa u tieħu għoxrin fil-elf ta' sekonda.

- Is-satellita *Ikonos* ser tibda tintuża biex tagħraf iż-żmien tal-qtugħ tal-għeneb mid-dwieli. It-tagħrif li kapaċi tiġbor din is-satellita iwassal biex wieħed jagħraf liema għeneb wasal għall-qtugħ u liema jkun għad irid jistenna. Naturalment hemm serje ta' analisi, permezz ta' kuluri li tiġbor mill-għalqa tad-dwieli!

- Ħuta kbira bl-isem ta' *Gum* li tinsab fl-akwarju ta' Macduff fl-Iskozja, jnaddfulha is-snien darbtejn kuljum. Problemi ta' iġjene? Lanqas xejn. Dan ix-xogħol jagħmluh b'paċenzja kbira l-kustodji ta' l-akwarju biex ifakkru lill-istudenti li jżuru l-akwarju ħalli ma jinsewx inaddfu snienhom u jieħdu ħsiebhom!





## *"FATHER CHRISTMAS" JAF IDAĦĦAK LIL KULĦADD!*

*Żewġ ritratti mhux tas-soltu bi tbissima għall-Milied. L-ewwel wieħed ta' Father Christmas li fl-1949 kien qabeż "mis-sema" u spiċċa mħabbel ma' arblu tad-dawl ġo Florida (U.S.A.); it-tieni wieħed fil-Milied tas-sena l-oħra, li ħareġ idur mat-toroq ta' Londra bi snow-man "imħabbel"(!) ġo xagħru. Dik id dinja, imħallta b'aċċidenti u avventuri tad-daħk!*

# IL-ĦAJJA f'Għawdex

# WERREJ SENA 2001

## ARTIKLI ĠENERALI


| | | |
|---|---|---|
| Betlem qabel u wara t-twelid ta' Ġesù (Mons. L. Sciberras) | Diċembru | 20 |
| Dun Ġorġ Preca. Appostlu tat-Tagħlim Nisrani (Bennie Mercieca) | Mejju | 30 |
| Esperjenzi fil-Ġermanja (Mons. Anton Borg) | Novembru | 20 |
| Esperjenza Servizz fil-Bażilika ta' San Pietru (Joshua Muscat) | Novembru | 24 |
| Esperjenzi ta' Volontarjat (Orietta Azzopardi) | Ottubru | 19 |
| Esperjenzi ta' Volontarjat (Rita Buttigieg) | Ottubru | 20 |
| Esperjenzi ta' Volontarjat (Charles Sultana) | Ottubru | 21 |
| Esperjenzi ta' Volontarjat (Frances Galea) | Ottubru | 21 |
| Evanġelizzazzjoni Ġdida fil-Bidu Ta' Millennju Ġdid (Dun Michael Galea) | Jannar | 18 |
| Giuseppe Verdi. Mitt Sena minn Mewtu (John Ardoin) | Frar | 24 |
| Il-Moviment Missjunarju "Ġesù fil-Proxxmu" | Frar | 20 |
| Il-Qaddejja t'Alla Madre Margerita Tal-Qalb Ta' Ġesù. Digriet tal-Kongregazzjoni tal-Qaddisin dwar il-validità tal-Proċess Djoċesan (Dun Mario Grech) | Frar | 8 |
| Is-Soċjetà tal-MUSEUM tas-Subien f'Għawdex (Emmanuel Attard) | Mejju | 22 |
| Kif Tifforma l-Qalb tar-Ragħaj (Dun Alex Refalo) | Ġunju/Lulju | 18 |
| Konsagrazzjoni tal-Familji lill-Qlub Imqaddsa ta' Ġesù u ta' Marija (Dun Ġorġ Bezzina) | Frar | 20 |
| L-Għalqa tad-Demm (Mons. Lawrenz Sciberras) | Marzu | 18 |
| Rajna l-Knisja tinbet fl-Albanija (Dun Gerald Buhagiar) | April | 26 |
| Rakela. Il-Matrijarka tal-MUSEUM f'Għawdex (Pauline Grech) | Mejju | 20 |
| X'Sens fih li ssum? (Achille Degeest) | Marzu | 17 |
| Xhieda nisranija fit-Traġedja ta' New York (Geoffrey G Attard) | Ottubru | 25 |
| Xi tfisser Beatifikazzjoni? (Geoffrey G. Attard) | Mejju | 34 |


## ARTIKLI TA' ANĠLU XUEREB


| | | |
|---|---|---|
| Dehriet u Viżjonijiet fil-ħajja ta' Karmni Grima | Diċembru | 25 |
| Dun Ġorġ Preca, Profeta tal-Konċilju Vatikan II | Mejju | 36 |
| Dun Ġużepp Cauchi (1900-1955) | Awissu/Sett. | 27 |
| Id-devozzjoni lejn il-Madonna | Ġunju/Lulju | 28 |
| It-Talb u l-Għolja ta' Għammar | April | 30 |
| Karmni Grima 1 - L-ambjent li fih għexet Karmni Grima | Ottubru | 29 |
| Karmni Grima 2 - Semgħet leħen mill-kwadru | Novembru | 29 |
| Jagħti pariri ta' gid spiritwali | Marzu | 25 |
| Min kien Frenċ ta' l-Għarb? | Jannar | 24 |
| Qisu tabib li jfejjaq il-ġisem | Frar | 25 |


## ARTIKLI TA' MONS. ISQOF NIKOL Ġ. CAUCHI


| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġid Komuni | Jannar | 28 |
| Il-Ġustizzja Soċjali | Frar | 28 |
| Il-Misteru tal-Milied | Diċembru | 18 |
| It-Tliet prinċipji fundamentali | Marzu | 28 |
| It-Tliet Kandidati għall-Beatifikazzjoni | Mejju | 18 |
| Kristu-Persunaġġ Storiku - 1 | Awissu/Sett. | 24 |
| Kristu Persunaġġ Storiku - 2 | Ottubru | 26 |

| | | |
|---|---|---|
| Kristu u r-Rivelazzjoni | Ġunju/Lulju | 24 |
| L-Għid il-Kbir u l-Misteru ta' Kristu Rxoxt | April | 20 |
| L-Istoriċita' ta' l-Evanġelji | Novembru | 27 |

**BOOKMARK (*KOTBA ĠODDA*)**

| | | |
|---|---|---|
| Cauchi M.N., *Ix-Xjenza u s-Soċjetà* | Ġunju/Lulju | 23 |
| Cauchi Nikol Ġ., *It-Tagħlim Soċjali tal-Beatu Papa Ġwanni XXIII* | Jannar | 22 |
| Curmi Albert, *Ix-Xlendi ta' Ċkuniti* | Awissu/Sett. | 22 |
| GauciAnton, *Sant'Anna* | Ottubru | 22 |
| Hanlon, Kevin J., *Pawlu. Ragħaj għall-Komunitajiet ta' Żminijietna* | Marzu | 24 |
| Mercieca Bennie, *Pariri Spiritwali tal-Beatu Dun Ġorġ Preca* | Mejju | 26 |
| Naguyer Van Thuan Francois Xavier, *Talb ta' Tama - Tlettax-il sena fil-Ħabs* | Novembru | 22 |
| Schembri Gwido, *Is-Sagramenti f'Ħajjitna* | Frar | 22 |
| Schembri Gwido, *It-Tama fil-Messija* | Diċembru | 22 |
| Sciberras Lawrenz, *Sinjali u Simboli fil-Liturġija* | Ġunju/Lulju | 22 |
| Xuereb Angelo, *Quddiem Ġesù Tarbija* | Diċembru | 22 |
| Xuereb Angelo - Debrincat Josephine, *Kelmet il-Qaddisin* | April | 22 |
| Xuereb Edward, *Il-Formazzjoni ta' l-Abbati* | Ġunju/Lulju | 21 |

**ĊIKKU L-GĦAWDXI**

| | | |
|---|---|---|
| Jannar-Dicembru (b'eċċezzjoni ta' Mejju meta ma dehritx.) | | 10 |

**DRAWWIET MISSIRIJIETNA (ANTON F. ATTARD)**

| | | |
|---|---|---|
| Il-Biedja f'Għawdex (L-Ewwel Parti) | Novembru | 30 |
| Il-Biedja f'Għawdex (It-Tieni Parti) | Diċembru | 26 |
| Il-Folklor tal-Festi Titulari (L-Ewwel Parti) | Ottubru | 31 |
| Il-Mara fil-Folklor Għawdxi (L-Ewwel Parti) | Jannar | 30 |
| Il-Mara fil-Folklor Għawdxi (It-Tieni Parti) | Frar | 30 |
| Il-Mara fil-Folklor Għawdxi (It-Tielet Parti) | Marzu | 30 |
| Il-Mara fil-Folklor Għawdxi (Ir-Raba' Parti) | April | 32 |
| Twemmin Fieragħ ta' l-Għawdxin (L-Ewwel Parti) | Mejju | 38 |
| Twemmin Fieragħ ta' l-Għawdxin (It-Tieni Parti) | Ġunju/Lulju | 30 |
| Twemmin Fieragħ ta' l-Għawdxin (It-Tielet Parti) | Awissu/Sett. | 30 |

**EDITORJALI**

| | | |
|---|---|---|
| Ambaxxaturi Għawdxin | Marzu | 3 |
| IL-Papa mill-ġdid fostna | Mejju | 3 |
| Lejn edukazzjoni sħiħa | Ottubru | 3 |
| Ma Ninsewhomx | Frar | 3 |
| Milied 2001 | Diċembru | 3 |
| Naħdmu fuq il-Pjan Pastorali | Jannar | 3 |
| Nifthu jew ma nifthux? | April | 3 |
| Paċi u Sigurta` | Novembru | 3 |
| Progress u Valuri | Awissu/Sett. | 3 |
| Qaddisin Maltin u Maltin Qaddisin | Ġunju/Lulju | 3 |

**GĦAWDEX SPORTIV (JOE BAJADA)**

| | | |
|---|---|---|
| Il-Handball. Sports Ġdid għal Għawdex | Jannar | 40 |
| Ir-Referee Għawdxi Anton Zammit fuq il-panel tal-FIFA | April | 40 |
| L-Ewwel Unur ta' l-Istaġun | Diċembru | 36 |
| Mingħajr Fair Play M'hemmx Sport | Frar | 40 |
| Nadur Youngsters Champions tax-Xitwa | Marzu | 40 |

| | | |
|---|---|---|
| Premjazzjoni Annwali tal-G.F.A. | Ottubru | 40 |
| Preżentata t-Tmien Edizzjoni ta' l-Annwal tal-Futbol Għawdxi | Mejju | 48 |
| Sannat Jibqgħu Champions tal-Logħob Mingħajr Konfini | Novembru | 40 |
| Tony Cauchi l-Isportiv Għawdxi tas-Sena | Awissu/Sett. | 40 |
| Xewkija Tigers Champions Għawdxin | Ġunju/Lulju | 40 |

## GĦAWDEX 300 SENA ILU - *Paġna mill-Arkivju Nazzjonali* (JOSEPH BEZZINA)

| | | |
|---|---|---|
| Bandu Għall-Ħatra ta' Ħażżien tal-Qamħ | Ġunju/Lulju | 9 |
| Il-Broxka għall-għoti tas-Sinjali miċ-Ċittadella | Diċembru | 9 |
| Il-Ħlas li ma sarx tal-Qamħ | Frar | 17 |
| Il-Kwareżimalist ta' l-Avvent u tar-Randan fil Matriċi ta' Għawdex | Jannar | 9 |
| Il-Pont fuq il-Foss taċ-Ċittadella | Novembru | 9 |
| Is-Siniskalk iżur Għawdex | Mejju | 9 |
| L-ispiża tal-Palji tat-Tiġrija ta' Santa Marija - 1701 | Awissu/Sett. | 9 |
| L-Uffiċjali tar-Riġment il-Ġdid | April | 17 |
| Mini u Passaġġi Sigrieti fiċ-Ċittadella u fit-Tokk | Ottubru | 9 |
| Tiswija ta' Tanbur u Ħlasijiet Oħra f'Marzu 1701 | Marzu | 9 |

## INT U SAĦĦTEK (DR. MARIO SALIBA)

| | | |
|---|---|---|
| Ftit Togħma Tajba! | April | 38 |
| Ġenerazzjoni. Com | Marzu | 38 |
| Ħarsa lejn il-Futur | Mejju | 46 |
| Il-Ħsara mix-Xemx | Ġunju/Lulju | 38 |
| Il-Mad Cow Desease | Frar | 38 |
| Il-Mediċina u l-Mirakli | Novembru | 38 |
| Is-Seklu ta' l-Anzjani | Jannar | 38 |
| It-Telefonini! | Ottubru | 38 |
| Stress Skolastiku | Diċembru | 34 |
| X'Inhi Dieta Tajba? | Awissu/Sett. | 38 |

## L-INTERVISTA (DUN EDDIE ZAMMIT)

| | | |
|---|---|---|
| Dun Ġorġ Preca u s-Soċjetà tal-MUSEUM | Mejju | 10 |
| Ħidma b'risq il-familji Għawdxin | Marzu | 13 |
| Il-Ftuħ tar-Respite Centre | Jannar | 12 |
| Il-Mewt fil-Komunità Nisarnija | Novembru | 12 |
| Il-Milied fil-MUSEUM tan-Nadur | Diċembru | 12 |
| Is-Seminarju. Formazzjoni Spiritwali u Akkademika | Ġunju/Lulju | 12 |
| L-Iscouts f'Għawdex | Ottubru | 12 |
| L-Esperjenzi ta' Lukandier Għawdxi | Awissu/Sett. | 12 |
| Rebbieħ fuq il-Mewt | April | 13 |
| Titjib għall-Passiġġieri fiċ-Ċirkewwa u l-Imġarr | Frar | 13 |

## MILL-KNISJA FID-DINJA (DUN EDWARD XUEREB)

| | | |
|---|---|---|
| Bush ma' grupp ta' Isqfijiet | Marzu | 31 |
| Eloġju mistħoqq lill-Papa | Mejju | 37 |
| Għeluq tal-Ġublew il-Kbir | Jannar | 27 |
| Ingilterra: Iħalli l-linja tat-tron biex isir Kattoliku | Ottubru | 23 |
| Is-Sinodu ta' l-Isqfijiet | Novembru | 23 |
| Is-Summit tal-G8 | Awissu/Sett. | 29 |
| Konċistorju tal-Kardinali għal Mejju | April | 31 |
| L-Ewwel Quddiesa Kattolika fuq it-TV fil-Greċja | Ġunju/Lulju | 28 |
| Martri ta' Nisel Malti | Frar | 27 |

## MINN MADWAR ID-DINJA (PIERRE J. MEILAK)


| | | |
|---|---|---|
| Minn madwar id-dinja | Jannar | 42 |
| Minn madwar id-dinja | Frar | 42 |
| Minn madwar id-dinja | Marzu | 42 |
| Minn madwar id-dinja | April | 42 |
| Minn madwar id-dinja | Mejju | 50 |
| Minn madwar id-dinja | Ġunju/Lulju | 42 |
| Minn madwar id-dinja | Awissu/Sett. | 42 |
| Minn madwar id-dinja | Ottubru | 42 |
| Minn madwar id-dinja | Novembru | 42 |
| Minn madwar id-dinja | Diċembru | 38 |


## MIXXELLANJI


| | | |
|---|---|---|
| "*Ho bisogno di te*". Kunċert ta' Kant Reliġjuż (Diversi) | Jannar | 23 |
| Il-Funeral tax-xwejjaħ Feliċ (Mons. S. Borg) | Marzu | 26 |
| Il-Ġimgħa Mqaddsa u l-Għid fil-Mużika Klassika (Dun Anton Sultana) | April | 24 |
| Monument Sant'Anton Abbati | Marzu | 20 |
| Programm Uffiċċjali taż-Żjara tal-Papa f'Malta | Mejju | 25 |
| Ristoranti Għawdxin (Dun Anton Sultana u Francesco Pio Attard) | Awissu/Sett. | 16 |


## POEŻIJI


| | | |
|---|---|---|
| Attard Francesco Pio: *Novembru ifakkarna* | Novembru | 28 |
| Attard Joe M.: *Milied 2001* | Diċembru | 24 |
| Attard Joe M.: *Żmien ir-Randan* | April | 23 |
| Camilleri Fr. Eddie: *Malta Tagħna* | Frar | 23 |
| Camilleri Fr. Eddie: *Marsalforn* | Awwissu/Sett. | 23 |
| Camilleri Fr. Frans: *Innu lil Dun Ġorġ* | Mejju | 28 |
| Psaila J. W.: "*For the Record*", "*Mucca pazza fiha l-E mail?*" | Marzu | 21 |
| Psaila J. W.: *Jixirqu dawn l-għoljiet* | Ottubru | 28 |
| Psaila J, W.: *L-Arloġġ* | Mejju | 29 |
| Sultana Francis: *Ejja, mbierek, ħu sehem fis-Saltna* | Mejju | 27 |
| Xuereb Mons. Alfred: *Mhux f'ħobbu biss* | Ġunju/Lulju | 20 |


## RIFLESSJONIJIET MINN A.C.M.


| | | |
|---|---|---|
| Id f'Id: Skola u Familja, Għalliema u Ġenituri | Ottubru | 17 |
| Inġibu 'l quddiem il-Kultura tal-Paċi | Jannar | 16 |
| Kliem il-Papa jitnaqqax f'qalbna | Ġunju/Lulju | 16 |
| L-Għada tal-Ġimgħa l-Kbira. Is-Sibt Qaddis | April | 18 |
| L-Ittra Apostolika tal-Papa f'Egħluq il-Ġublew | Marzu | 22 |
| Mal-Konċilju daqqet tassew is-siegħa tal-Lajċi | Frar | 18 |
| Milied 2001: Id-Dawl jiddi fid-Dlam | Diċembru | 16 |
| Nitolbu mal-Beatu Dun Ġorġ Preca | Mejju | 16 |
| Il-Missjoni ta' l-Isqof | Novembru | 16 |
| Is-Sbuħija Tal-Ħolqien Turi L-Kobor Ta' Alla | Awissu/Sett. | 21 |


## WIRT GŻIRITNA (ĠUŻEPPI M. BEZZINA)


| | | |
|---|---|---|
| IL-Mużew tal-Arkeoloġija (It-tieni parti) | Jannar | 34 |
| IL-Mużew tal-Arkeoloġija (It-tielet parti) | Frar | 34 |
| IL-Mużew tal-Arkeoloġija (Ir-raba' parti) | Marzu | 35 |
| IL-Mużew tal-Folklor (L-Ewwel Parti) | April | 34 |
| IL-Mużew tal-Folklor (It-Tieni Parti) | Mejju | 42 |
| IL-Mużew tal-Folklor (It-Tielet Parti) | Ġunju/Lulju | 34 |
| IL-Mużew tal-Folklor (Ir-Raba' Parti) | Awissu/Sett. | 34 |
| IL-Mużew ta' l-Istorja Naturali (L-Ewwel Parti) | Ottubru | 34 |
| IL-Mużew Ta' l-Istorja Naturali (It-Tieni Parti) | Novembru | 34 |
| IL-Mużew Ta' l-Istorja Naturali (It-Tielet Parti) | Diċembru | 30 |



# Cortelli Woodworks

**For all kind of Furniture and Home appliances, Office Desks and Chairs, Filing Cabinets and Cupboards.**

*Workshop:*
26, P.P. G.M. Camilleri Str.,
Għarb, Gozo.
**Tel./Fax: 560020**

*Showroom:*
Borg Oliver Str.,
Victoria, Gozo.
**Tel: 564664**

**Mobile: 0940 5295**



*Ask for Bernard... With 25 Years of Experience*




## Lumen Christi Media Centre

Triq Fortunato Mizzi, Victoria, VCT 111 - Ghawdex
Tel: 560496/7 Fax: 561860

Kotba
u rigali
reliġjużi








Kull xorta ta' Stationery u kiri ta' Videos edukattivi

Servizz ta' Photocopying u bejgħ ta' karta

**Ħinijiet tal-Ftuħ**
**mit-Tnejn sas-Sibt**
**9.30a.m. - 12.30p.m.**
**5.00p.m. - 9.00p.m.**


The Photo Shop
1 hr Photos
135 - APS - Digital
Fortunato Mizzi Street
Victoria, Gozo
Tel. 563 403 / 557 555
e-mail: kaiser@maltanet.net
Your Special Occassions
Photos & Video
with a difference .......
a reason to smile !!
Sole Agents & Distributors
for:
Novo Modo Albums
Velbon Tripods
Mogetta Argenti
Lupo Studio Lights
Night Owl Optics